PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Dokument ta' sessjoni*

**A8-0163/2015**

13.5.2015

# RAPPORT

dwar l-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 (2014/2152(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Maria Noichl

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................................26

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI....................31

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 (2014/2152(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ECHR),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1949 dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament tal-Prostituzzjoni ta' Oħrajn,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995 u d-dokumenti riżultanti sussegwenti adottati fis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Pekin +5 (2000), Pekin +10 (2005) u Pekin +15 (2010) u dwar id-dokument riżultanti tal-konferenza ta' reviżjoni Pekin +20,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 606/2013 tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1567/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar l-għajnuna għal strateġiji u azzjonijiet dwar ir-riproduttività u s-saħħa sesswali u d-drittijiet fil-pajjiżi li għadhom jiżviluppaw[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

[1] ĠU L 181, 29.6.2013, p. 4.
[2] ĠU L 224, 6.9.2003, p. 1.
[3] ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.

13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-principju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE[3],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010, li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-liv tal-ġenituri konkluż minn BusinessEurope, UEAPME, CEEP u ETUC u li tħassar id-Direttiva 96/34/KE[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid)[5],

– wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[6],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi u s-sentenza relatata tal-1 ta' Marzu 2011 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża Test-Achats (C-236/09)[7],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011[8],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2010 bl-isem "Impenn imsaħħaħ għall-ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel: Karta f'Isem il-Mara" (COM(2010)0078),

---

[1] ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2.
[2] ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
[3] ĠU L 180, 15.7.2010, p. 1.
[4] ĠU L 68, 18.03.10, p. 13.
[5] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
[6] ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.
[7] ĠU C 130, 30.4.2011, p. 4.
[8] Anness tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011.

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 intitolata "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),

– Wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 bit-titolu "Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa" (COM(2010)0567),

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2013 intitolat "Mid-term review of the Strategy for equality between women and men (2010-2015)" (SWD(2013)0339),

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "EU Plan of Action on Gender Equality and Women's Empowerment in Development (2010-2015)" (SWD(2010)0265),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur tad-19-20 ta' Ġunju 2014,

– wara li kkunsidra l-istudju mid-Dipartiment C tal-Politika tal-Parlament Ewropew intitolat "Study on the Evaluation of the Strategy for Equality between Women and Men 2010-2015 as a contribution to achieve the goals of the Beijing Platform for Action", ippubblikat fl-2014,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) bl-isem "Violence against women – an EU-wide survey. Main results" ippubblikat f'Marzu 2014,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) bl-isem "Discrimination against and living conditions of Roma women in 11 EU Member States", li ġie ppubblikat f'Ottubru 2014,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) bl-isem "Being Trans in the EU - Comparative analysis of the EU LGBT survey data", li ġie ppubblikat f'Diċembru 2014,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Ġunju 1995 dwar ir-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa f'Pekin: "Ugwaljanza, Żvilupp u Paċi"[1], tal-10 ta' Marzu 2005 dwar is-segwitu għar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa – Pjattaforma ta' Azzjoni, Pekin +10[2], u tal-25 ta' Frar 2010 dwar Pekin +15 – Pjattaforma ta' Azzjoni tan-NU għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[3],

[1] ĠU C 166, 3.7.1995, p. 92.
[2] ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 247.
[3] ĠU C 348 E, 21.12.2010, p. 11.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2009[1], tat-8 ta' Frar 2011 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2010[2] u tat-13 ta' Marzu 2012 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2011[3], u dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2013[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-eliminazzjoni tal-istereotipi tas-sessi fl-UE[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar aspetti rigward il-ġeneru fil-kuntest tar-reċessjoni ekonomika u l-kriżi finanzjarja[7] u tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2013 dwar is-57 sessjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa (CSW) tan-NU: l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali[10],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2013, dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati f'borża u miżuri relatati[11].

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-Vjolenza Fuq in-Nisa[12].

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-6 ta' Frar 2014 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2014[13],

---

[1] ĠU C 341E, 16.12.2010, p. 35
[2] Testi adottati, P7_TA(2011)0085.
[3] Testi adottati, P7_TA(2012)0069.
[4] Testi adottati, P8_TA(2015)0050.
[5] Testi adottati, P7_TA(2013)0375.
[6] Testi adottati, P7_TA(2013)0074.
[7] ĠU C 236 E, tat-12.8.2011, p. 79.
[8] Testi adottati, P7_TA(2013)0073.
[9] Testi adottati, P7_TA(2013)0045.
[10] Testi adottati, P7_TA(2012)0225.
[11] Testi adottati, P7_TA(2013)0488.
[12] Testi adottati, P7_TA(2014)0126.
[13] Testi adottati, P7_TA(2014)0128.

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0163/2015),

A. billi d-dritt għal trattament ugwali huwa dritt fundamentali deċiżiv rikonoxxut fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea fermament stabbilit fis-soċjetà Ewropea u huwa indispensabbli għall-iżvilupp ulterjuri ta' din is-soċjetà u għandu japplika fil-leġiżlazzjoni, fil-prattika, fil-ġurisprudenza kif ukoll fil-ħajja reali;

B. billi l-UE storikament ħadet passi importanti biex issaħħaħ id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, iżda kien hemm tnaqqis fl-azzjoni politika u r-riforma għall-ugwaljanza bejn is-sessi matul l-aħħar għaxar snin fil-livell tal-UE; billi l-istrateġija preċedenti tal-Kummissjoni kienet wisq dgħajfa u ma rriżultatx f'azzjoni suffiċjenti għall-ugwaljanza bejn is-sessi; billi strateġija ġdida jeħtiġilha tagħti spinta ġdida u twassal għal azzjoni konkreta biex id-drittijiet tan-nisa jissaħħu u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi;

C. billi wħud mill-għanijiet stabbiliti ntlaħqu permezz tal-istrateġija preċedenti tal-Kummissjoni, iżda ma nkisbitx ugwaljanza sħiħa, filwaqt li evidenza ta' interazzjoni bejn forom differenti ta' diskriminazzjoni, miri preċiżi u miżuri ta' analiżi effettivi spiss kienu nieqsa u l-integrazzjoni taż-żewġ sessi baqgħet tiġi implimentata sa punt limitat biss;

D. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija valur bażiku tal-UE rikonoxxut fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-UE assumiet il-kompitu speċifiku li tintegra dan fl-attivitajiet kollha tagħha; billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija essenzjali bħala objettiv strateġiku sabiex jintlaħqu l-objettivi ġenerali tal-UE, bħall-mira tar-rata tal-impjieg fi ħdan l-istrateġija Ewropa 2020 u assi ekonomiku essenzjali għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku ekwu u inklussiv; billi t-tnaqqis tal-inugwaljanza okkupazzjonali mhuwiex biss għan f'termini ta' trattament ugwali, iżda wkoll f'termini ta' effiċjenza u fluwidità fis-suq tax-xogħol;

E. billi d-distakk fl-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u d-diskriminazzjoni bejn ir-Roma u s-soċjetà ġenerali jibqa' wiesa', u s-sitwazzjoni tan-nisa Roma fl-UE hija saħansitra agħar bħala riżultat ta' diskriminazzjoni multipla bbażata kemm fuq l-etniċità kif ukoll is-sess;

F. billi l-pożizzjoni ekonomika u politika tal-Ewropa tista' biss titjieb u l-konsegwenzi tal-bidla demografika jistgħu jiġu evitati jekk it-talenti u l-potenzjal tan-nisa u l-irġiel kollha jiġu sfruttati;

G. billi ma nistgħux nibqgħu marbuta ma' mudelli ekonomiċi skaduti u ambjentalment mhux sostenibbli li huma bbażati fuq sistema ta' distribuzzjoni tax-xogħol ibbażata fuq is-sess li skadiet u li issa ġiet superata mill-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; billi għandna bżonn ta' mudell ġdid u soċjalment sostenibbli bbażat fuq l-għarfien u l-innovazzjoni, li jinkorpora fih il-firxa sħiħa tat-talenti tan-nisa fin-nisġa produttiva, inkluż billi jinxteħet dubju dwar xi normi industrijali u l-fatturi li jassenjaw l-irġiel u n-nisa kompiti differenti, li jirrimedja l-bilanċ tar-responsabbiltà bejn l-irġiel u n-nisa fl-

isfera pubblika u privata u li jarmonizza l-ħajja personali u professjonali tal-ħaddiema taż-żewġ sessi;

H. billi l-possibilità ta' aċċess għal servizzi ta' kura tat-tfal u ta' appoġġ għall-anzjani bi prezz raġonevoli u ta' kwalità għolja kif ukoll għal persuni oħra dipendenti huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali tal-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

I. billi l-Pjattaforma ta' Peking għall-Azzjoni din is-sena tagħlaq għoxrin sena u l-għanijiet u l-implimentazzjoni sħiħa tagħha huma aktar rilevanti minn qatt qabel;

J. billi l-vjolenza kontra n-nisa, kemm jekk hi fiżika, sesswali jew psikoloġika, hija ostaklu ewlieni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u tibqa' l-vjolazzjoni l-aktar mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem li taffettwa l-livelli kollha tas-soċjetà, iżda waħda mid-delitti l-anqas rappurtati; billi, minkejja l-miżuri kollha meħuda kontra l-fastidju sesswali, skont l-istħarriġ tal-FRA li sar f'Marzu 2014, 55 % tan-nisa esperjenzaw forma waħda jew aktar ta' fastidju sesswali matul ħajjithom u 33 % tan-nisa esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali sa mill-età ta' 15-il sena; billi ħajja ħielsa mill-vjolenza hija prerekwiżit għal parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà, u għandhom jiġu introdotti miżuri b'saħħithom biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa;

K. billi l-prostituzzjoni furzata hija vjolenza li taffettwa b'mod partikolari lil dawk l-aktar vulnerabbli, hija l-aktar relatata ma' netwerks tal- kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin u hija ostaklu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

L. billi n-nisa, minħabba strutturi tradizzjonali u diżinċentivi fiskali, ġie impost fuqhom status ta' persuna sekondarja li taħdem bi qligħ fil-familja, fil-forma ta' segregazzjoni kemm vertikali kif ukoll orizzontali fis-suq tax-xogħol, karriera b'lakuni u inugwaljanza fil-paga rilevanti għas-sess, u billi, barra minn hekk, ix-xogħol ta' kura bla ħlas, il-kura tat-tfal, il-kura tal-anzjani u ta' dipendenti oħra u x-xogħol domestiku huma konsiderevolment imwettqa aktar spiss min-nisa, u għalhekk in-nisa jkollhom anqas ħin disponibbli biex isegwu attività bi qligħ, u, min-naħa l-oħra, dan iwassal għal pensjoni ħafna iktar baxxa, u għaldaqstant ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja, anki biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, għandha tiġi promossa permezz ta' miżuri konkreti, fejn l-irġiel, b'mod partikolari, għandhom ikunu involuti aktar mill-qrib;

M. billi r-rata ta' impjieg tan-nisa hija ta' 63 %, jew 53.5 % jekk l-impjiegi jitkejlu f'ekwivalenti ta' full-time[1]; billi d-distakk fil-paga bejn is-sessi huwa ta' 16.4 % u d-distakk tal-pensjonijiet bejn is-sessi huwa f'medja ta' 39 %; billi l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol mhux dejjem tissarraf f'influwenza, pożizzjonijiet ta' poter u teħid ta' deċiżjonijiet li spiss huma okkupati mill-irġiel, li jillimita lin-nisa fil-kapaċità tagħhom li jkunu influwenti u jirrappreżenta defiċit demokratiku fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, minħabba li n-nisa jagħmlu nofs il-popolazzjoni; billi l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi tmur lil hinn mill-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, u azzjoni pożittiva b'appoġġ għan-nisa tat prova tal-fatt li hija essenzjali għall-

[1] Commission report on progress on equality between women and men 2012 (SWD(2013)0171), p. 8.

integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol, fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u ekonomiċi u s-soċjetà b'mod ġenerali; billi l-esklużjoni tan-nisa minn pożizzjonijiet ta' poter u l-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandha effett ħażin fuq il-kapaċità tagħhom li jinfluwenzaw kemm l-iżvilupp u l-emanċipazzjoni tagħhom stessu l-iżvilupp tas-soċjetà;

N. billi l-kwoti tas-sessi u ż-zipped lists fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi ddimostraw li huma għodod effettivi ħafna biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni u żbilanċi ta' poter bejn is-sessi u biex titjieb ir-rappreżentanza demokratika f'korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi;

O. billi n-nuqqas ta' promozzjoni tal-politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-promozzjoni insuffiċjenti ta' sigħat tax-xogħol flessibbli, speċjalment fost l-irġiel, u r-rata baxxa tal-użu ta' liv tal-ġenituri u tal-paternità jippreżentaw ostakli kbar għall-indipendenza ekonomika tan-nisa u l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabilitajiet tal-familja u dawk domestiċi;

P. billi l-wiċċ tal-faqar fl-Ewropa huwa sproporzjonatament wieħed femminili, u dan jinkludi b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom, in-nisa b'diżabilità, in-nisa żgħażagħ, in-nisa anzjani, nisa migranti u nisa minn minoritajiet etniċi, li kollha huma milquta mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali, sitwazzjoni aggravata mill-kriżi ekonomika u l-miżuri ta' awsterità speċifiċi, li ma għandux jiġġustifika li jsir inqas xogħol għall-ugwaljanza, kif ukoll in-nuqqas ta' sikurezza tal-impjieg, impjieg part-time, pagi u pensjonijiet baxxi, id-diffikultà ta' aċċess għal servizzi soċjali u tas-saħħa, u l-fatt li huma partikolarment l-impjiegi fis-settur pubbliku u s-servizzi fis-settur tal-kura li qed jiġu eliminati, li jagħmel il-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi anki aktar importanti;

Q. billi n-nisa li jgħixu f'żoni rurali huma aktar vittmi tad-diskriminazzjoni multipla u tal-istereotipi tas-sess min-nisa li jgħixu fiż-żoni urbani, u r-rata ta' impjieg tan-nisa li jgħixu fiż-żoni rurali hija ħafna inqas minn dik tan-nisa li jgħixu fil-bliet; billi ż-żoni rurali huma milquta min-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità għolja; billi, barra minn hekk, għadd kbir ta' nisa qatt ma huma attivi fis-suq uffiċjali tax-xogħol u, għalhekk, mhumiex reġistrati bħala qiegħda jew inklużi fl-istatistiki ta' dawk qiegħda, ħaġa li tikkawża problemi finanzjarji u legali partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-maternità u l-liv tal-mard, l-akkwist tad-drittijiet tal-pensjoni u l-aċċess għas-sigurtà soċjali, kif ukoll problemi fil-każ ta' divorzju;

R. billi r-rwoli tradizzjonali tas-sessi u l-istereotipi għadhom jeżerċitaw influwenza kbira ħafna fuq id-diviżjoni tax-xogħol fid-dar, fl-edukazzjoni, fil-karrieri, fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà b'mod ġenerali;

S. billi l-istereotipi tas-sessi u strutturi tradizzjonali għandhom impatt negattiv fuq is-saħħa, u billi l-aċċess universali għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet assoċjati huma drittijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk ma għandhomx jiġu limitati; billi d-dritt li wieħed jikkontrolla ġismu stess u d-dritt tal-awtodeterminazzjoni huma prerekwiżiti fundamentali għall-ugwaljanza universali;

T. billi wieħed minn kull sitt koppji madwar id-dinja jesperjenzaw xi forma ta' problema ta'

infertilità; billi l-Kummissjoni għandha tressaq Analiżi Komparattiva ġdida ta' Riproduzzjoni Assistita Medikament fl-UE, peress li l-istudju tal-2008 (SANCO/2008/C6/051), li dak iż-żmien uriet inugwaljanza sinifikanti ta' aċċess għat-trattament tal-fertilità, huwa skadut;

U. billi għad hemm istituzzjonijiet edukattivi li jipprattikaw is-segregazzjoni tas-sessi, u materjali edukattivi spiss ikun fihom stereotipi li jgħinu biex jipperpetwaw ir-rwoli tradizzjonali separati assenjati lill-bniet u s-subien, li għandu impatt negattiv fuq l-għażliet tagħhom; billi dawn il-patterns tar-rwoli huma msaħħa aktar speċjalment minn rappreżentazzjonijiet u immaġni tan-nisa trażmessi mill-mezzi tax-xandir, materjal disponibbli fuq l-internet u r-reklamar;

V. billi l-persuni transsesswali frekwentement jiffaċċjaw diskriminazzjoni, fastidju u vjolenza madwar l-UE llum minħabba l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom;

W. billi l-UE għandha responsabilità u rwol bħala mudell għall-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa, li għandhom isiru kwistjoni ta' tħassib ewlenija fl-azzjonijiet esterni tagħha; billi l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tas-sess u l-għoti tas-setgħa lin-nisa huma essenzjali jekk il-miri internazzjonali tal-iżvilupp għandhom jintlaħqu u għas-suċċess tal-politiki tal-UE dwar l-affarijiet barranin, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politiki tal-kummerċ internazzjonali; billi n-nisa mhux biss huma aktar vulnerabbli għall-effetti tal-enerġija, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, iżda huma wkoll atturi effettivi f'dak li għandu x'jaqsam ma' strateġiji ta' mitigazzjoni u adattament, kif ukoll bħala mutur għal mudell ta' tkabbir ekwu u sostenibbli;

X. billi l-mekkaniżmi istituzzjonali jiffurmaw bażi neċessarja għall-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi; billi l-ugwaljanza bejn is-sessi jeħtiġilha tiġi trattata bħala aspett importanti u trasversali tal-oqsma kollha tal-politika fl-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mal-kunċetti ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ibbaġitjar fuq il-bażi tal-ġeneru u l-valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru;

Y. billi l-analiżi sistematika tad-dejta skont is-sess hija għodda vitali biex jinkiseb progress ġenwin u sabiex ir-riżultati jiġu valutati b'mod effiċjenti;

Z. billi f’dawn l-aħħar snin il-movimenti kontra l-ugwaljanza bejn is-sessi għamlu avvanz fil-qasam pubbliku f'għadd ta' Stati Membri, billi ppruvaw isaħħu r-rwoli tradizzjonali tas-sessi u sfidaw il-kisbiet eżistenti fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

Aa. billi l-isfidi attwali u l-esperjenza miksuba juru li n-nuqqas ta' politika koerenti bejn l-oqsma differenti għamlitha diffiċli biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-passat, u li proporzjon xieraq ta' fondi u koordinazzjoni aħjar, it-tixrid u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa huma meħtieġa, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet differenti;

**Rakkomandazzjonijiet ġenerali**

1. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal u tadotta strateġija separata ġdida għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Ewropa mmirata lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet indaqs u bbażata fuq l-oqsma ta' prijorità tal-istrateġija preċedenti bil-ħsieb li ttemm kull forma ta' diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa fis-suq tax-xogħol, fir-rigward tal-pagi, il-pensjonijiet, it-teħid ta' deċiżjonijiet, l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol u l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u biex tneħħi l-istrutturi u l-prattiki diskriminatorji relatati mal-ġeneru; jenfasizza li l-Istrateġija l-ġdida tad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jeħtieġ li tqis il-forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni kif imsemmi fl- Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li għandhom fatturi sottostanti komuni iżda li jaffettwaw lin-nisa b'mod differenti, u jeħtieġ li tiżviluppa azzjonijiet speċifiċi li jsaħħu d-drittijiet ta' gruppi differenti ta' nisa, inklużi n-nisa b'diżabilità, in-nisa migranti u ta' minoranza etnika, in-nisa Roma, in-nisa aktar anzjani, ommijiet waħedhom u l-LGBTI;

2. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiżviluppa miżuri maħsuba biex jeliminaw id-diskriminazzjoni kontra n-nisa kollha fid-diversità tagħhom taħt strateġija usa' ta' antidiskriminazzjoni u pjan direzzjonali LGBTI distint u separat; għal dak il-għan, iħeġġeġ lill-Kunsill biex jilħaq pożizzjoni komuni malajr kemm jista' jkun dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età, il-ġeneru jew orjentazzjoni sesswali, li ilha imblukkata minn mindu ġiet adottata mill-Parlament f'April 2009;

3. Jiddispjaċih li l-Istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015 ma tindirizzax b'mod speċifiku d-diżabilità, minkejja l-fatt li n-nisa b'diżabilità ta' spiss huma f'sitwazzjoni inqas favorevoli mill-irġiel b'diżabilità u huma aktar esposti għar-riskji tal-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tindirizza l-bżonnijiet tan-nisa b'diżabilità sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni akbar tagħhom fis-suq tax-xogħol; f'dan is-sens jiddispjaċih ukoll li l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020 ma tinkludix ukoll perspettiva integrata dwar il-ġeneru jew kapitolu separat iddedikat għall-politiki tad-diżabilità b'konċentrazzjoni speċjali fuq il-ġeneru;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lis-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali b'mod strutturat fl-iżvilupp u l-evalwazzjoni kontinwa tal-istrateġija;

5 Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu u jinfurzaw l-eżerċizzju sħiħ ta' negozjar kollettiv fis-settur privat u dak pubbliku, bħala għodda indispensabbli għar-regolazzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-paga u l-promozzjoni tal-ugwaljanza;

6. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tkun qed tevalwa l-applikazzjoni tad- Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi, biex tikkunsidra l-każijiet ta' diskriminazzjoni

7. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara r-rwol li hija tixtieq li l-UE jkollha fid-dinja u fil-

ħidma tagħha mal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet kompetenti tagħhom fir-rigward tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kemm fi ħdan kif ukoll barra l-fruntieri tal-Unjoni, u ssegwi dawn l-għanijiet kemm permezz tal-kunċett tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha kif ukoll permezz ta' miżuri speċifiċi, immirati u konkreti; jenfasizza l-ħtieġa li l-perspettiva tal-ġeneru u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru jiġu integrati fil-politika barranija tal-UE, il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-politika tal-kummerċ internazzjonali u li jiġu ssalvagwardjati l-istrumenti finanzjarji u r-riżorsi umani neċessarji;

8. Jiddispjaċih għal darb'oħra dwar il-fatt li l-istrateġija Ewropa 2020 ma inkludietx b'mod sodisfaċenti l-perspettiva tal-ġeneru, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi inkorporata fil-programmi, l-azzjonijiet u l-inizjattivi kollha mnedija fil-qafas ta' dik l-istrateġija u biex jintroduċu pilastru speċifiku għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan l-istrateġija, biex jikkunsidraw l-objettivi tal-istrateġija futura bħala aspett tas-Semestru Ewropew, u biex idaħħlu l-perspettiva tal-ġeneru fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġbru, janalizzaw u jippubblikaw dejta statistika affidabbli mqassma skont is-sess u indikaturi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha tal-politika u fil-livelli kollha ta' governanza, li tibni fuq il-ħidma tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, sabiex jagħmluha possibbli li d-disinn u l-applikazzjoni tal-istrateġiji għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE u l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġu analizzati, sabiex dawk l-istrateġiji jiġu aġġornati u l-applikazzjoni tal-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar is-sessi fl-oqsma kollha tal-politika nazzjonali u tal-Unjoni tiġi analizzata, u, fejn possibbli, tali dejta tkompli tiġi diżaggregata fuq il-bażi tar-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin u d-diżabilità, biex issir possibbli analiżi intersezzjonali għall-oqsma kollha tal-politika, u b'hekk tiġi dokumentata d-diskriminazzjoni multipla li jġarrbu ċerti gruppi ta' nisa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu bidu għal valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-ġeneri fil-politiki tal-Istati Membri, speċjalment meta jipproponu riformi tal-pensjonijiet u tax-xogħol;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal l-istrateġija fil-forma ta' pjan ta' azzjoni prattiku b'indikazzjoni ċara tal-partijiet responsabbli interessati, filwaqt li tiżgura li tikkunsidra b'mod partikolari s-suġġerimenti speċifiċi stipulati hawn isfel, li jkopru l-oqsma tal-vjolenza kontra n-nisa, ix-xogħol u l-ħinijiet tax-xogħol, in-nisa fil-poter u t-teħid ta' deċiżjonijiet, ir-riżorsi finanzjarji, is-saħħa, l-għarfien, l-edukazzjoni u l-midja, id-dinja minn perspettiva usa' kif ukoll il-mekkaniżmi istituzzjonali u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu introdotti, fejn applikabbli u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-UE, inputs leġiżlattivi bil-għan li jissaħħaħ il-qafas legali għall-ugwaljanza bejn is-sessi;

**Il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza bbażata fuq is-sess**

11. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni, magħmula fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014, li tinkludi rakkomandazzjonijiet biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra

n-nisa, biex tippreżenta att legali li jipprovdi kemm sistema konsistenti għall-ġbir ta' dejta statistika kif ukoll approċċ imsaħħaħ mill-Istati Membri għall-prevenzjoni u t-trażżin tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u tal-vjolenza bbażata fuq is-sess u sabiex l-aċċess għall-ġustizzja jiġi ffaċilitat ;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi definizzjoni ta' vjolenza bbażata fuq is-sess f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/29/UE fl-istrateġija futura u biex tippreżenta strateġija komprensiva dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru li tinkludi att leġiżlattiv vinkolanti mill-aktar fis possibbli; jistieden lill-Kunsill biex jattiva l-klawsola passerelle, billi jadotta deċiżjoni unanima sabiex mal-oqsma tal-kriminalità elenkati fl- Artikolu 83(1) tiżdied il-vjolenza bbażata fuq is-sess;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-possibbiltà ta' adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u biex tibda din il-proċedura mill-aktar fis possibbli, kif ukoll biex tippromwovi r-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-Istati Membri permezz tal-istrateġija l-ġdida u biex taħdem b'mod attiv biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet; jistieden lill-Istati Membri biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul kemm jista' jkun malajr;

14. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex is-sena 2016 tiġi ddikjarata s-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, fejn matulha għandha tingħata prijorità lill-promozzjoni ta' strateġiji fuq firxa wiesgħa u effettivi sabiex titnaqqas b'mod sinifikanti l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet;

15. Jitlob lill-UE tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' kampanji u strateġiji kontra l-fastidju ta' kuljum fil-konfront tan-nisa fil-pubbliku, u fil-proċess tgħaddi l-aħjar prattiki lill-Istati Membri;

16. Iqis bħala neċessarji u urġenti l-monitoraġġ ulterjuri tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-direttiva li tistabilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' atti kriminali, ir-regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili, u d-Direttiva dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni sa u lil hinn mill-2015;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi fermament kampanji ta' "tolleranza żero" fl-istrateġija u tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu s-soċjetà aktar konxja tal-problema tal-vjolenza kontra n-nisa u fil-promozzjoni tagħhom ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni annwali dwar l-oriġini tal-vjolenza u l-abbuż u fir-rigward tal-prevenzjoni, l-aċċess għall-ġustizzja, u l-appoġġ għall-vittmi; jenfasizza l-importanza tal-inklużjoni tas-soċjetà kollha kemm hi, u b'mod partikolari l-irġiel u s-subien b'mod aktar speċifiku, fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq l-inizjattivi tagħha fil-ġlieda kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili;

18. Jenfasizza li biex wieħed jiġġieled b'mod effettiv kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-impunità, tinħtieġ bidla fl-attitudni lejn in-nisa u l-bniet fis-soċjetà, fejn in-nisa huma ta' spiss rappreżentati fi rwoli subordinati u l-vjolenza kontrihom hi ħafna drabi ttollerata jew ma tingħatax importanza; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-azzjoni biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-vjolenza fil-ħafna forom tagħha u l-kawżi

fl-għeruq u fil-protezzjoni tan-nisa abbużati, u biex jadottaw miżuri speċifiċi għall-aspetti differenti, inkluż aktar appoġġ għall-postijiet ta' kenn għan-nisa u l-organizzazzjonijiet li jaħdmu biex jappoġġjaw lin-nisa li huma vittmi ta’ vjolenza bbażata fuq il-ġeneru u azzjonijiet preventivi bħalma huma l-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi u attitudnijiet soċjokulturali diskriminatorji minn età żgħira 'l quddiem, kif ukoll li jiġu kkastigati dawk li jinsabu ħatja;

19. Jinnota li l-femminizzazzjoni tal-faqar tista' twassal għal żieda fit-traffikar tan-nisa, l-isfruttament sesswali u l-prostituzzjoni furzata, ħaġa li tirreduċi lin-nisa għal dipendenza finanzjarja akbar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw ir-raġunijiet għalfejn in-nisa jirrikorru għall-prostituzzjoni u modi biex tiġi skoraġġita d-domanda; jissottolinja l-importanza ta' programmi għall-ħruġ mill-prostituzzjoni;

20. Jinnota l-importanza ta' taħriġ sistematiku għal persunal kwalifikat li jieħu ħsieb lin-nisa vittmi ta' vjolenza fiżika, sesswali jew psikoloġika; iqis li dan it-taħriġ huwa essenzjali għal dawk li jipprovdu kura tal-ewwel u t-tieni linja, inklużi s-servizzi ta' emerġenza soċjali, il-protezzjoni medika u ċivili, u servizzi tal-pulizija;

21. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, u jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa u tissorvelja l-implimentazzjoni u tidentifika l-aħjar prattiki biex jiġu kondiviżi mill-Istati Membri bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' strateġija ġdida għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin wara li l-istrateġija attwali tiskadi fl-2016, li għandha tinkorpora perspettiva dwar is-sessi u tagħti prijorità lid-drittijiet tal-vittmi tat-traffikar, b'pilastru speċifiku dwar it-traffikar tal-bnedmin għal finijiet ta' sfruttament sesswali u b'enfasi partikolari fuq metodi ġodda ta' traffikar li qed jiżviluppaw filwaqt li metodi oħra aktar stabbiliti qed jieqfu, kif ukoll biex tiżgura li l-politiki tal-Istati Membri, il-baġits u l-eżiti kollha fi ħdan l-iżvilupp tal-istrateġija jkunu trasparenti u aċċessibbli;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri billi tiżgura li l-vittmi tal-istalking ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn miżuri eżistenti bħall-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni, ir-regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili, u d-direttiva tal-UE dwar il-vittmi meta dawn jiċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor, u biex tikkunsidra aktar miżuri biex ittejjeb il-protezzjoni tal-vittmi tal-istalking, meta wieħed iqis li ċ-ċifri juru li 18 % tan-nisa fl-UE esperjenzaw l-istalking sa mill-età ta' 15-il sena, u wieħed minn kull ħames vittmi tal-istalking qalu li l-imġiba abużiva kompliet għal sentejn jew aktar[1];

23. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fit-tfassil tal-programmi ta' azzjoni tagħhom għall-ugwaljanza bejn is-sessi u biex tagħti attenzjoni partikolari għall-forom ġodda ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, bħall-fastidju ċibernetiku, is-cyberstalking[2] u l-bullying ċibernetiku, u kif ukoll tagħmel evalwazzjonijiet kontinwi; jenfasizza wkoll, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili sabiex jiġu identifikati problemi fi stadju aktar bikri u biex jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv;

[1] Violence against women: an EU-wide survey. Main results - rapport mill-FRA, pp. 83-84 u 92-93.
[2] Violence against women: an EU-wide survey. Main results - rapport mill-FRA, p. 87

24. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri kollha jagħmluha possbbli li l-ġeneru ppreferit ta' persuna jiġi rikonoxxut legalment bis-sħiħ, inkluż il-bdil tal-isem, in-numru tas-sigurtà soċjali u indikaturi oħra tas-sess fuq id-dokumenti ta' identità;

25. Jistieden lill-Kummissjoni, għal darb'oħra, tistabbilixxi mill-aktar fis possibbli Osservatorju Ewropew dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa, fil-bini tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u dirett minn Koordinatur tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet;

**Ix-xogħol u l-ħinijiet**

26. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali fl-istrateġija l-ġdida għad-diversi modi li jirrikonċiljaw il-ħajja tal-familja u x-xogħol; jiddispjaċih, f'dan ir-rigward, dwar il-falliment tan-negozjati dwar l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-liv tal-maternità, u jtenni r-rieda mingħajr limitu tal-Parlament li jikkoopera; jitlob sadattant lill-Istati Membri jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-maternità tagħhom, biex jieħdu miżuri biex jipprevjenu t-tkeċċija inġusta tal-impjegati matul it-tqala u jipproteġu n-nisa u l-irġiel b'responsabilitajiet ta' kura mit-tkeċċija inġusta;

27. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, minkejja l-finanzjament tal-UE disponibbli, uħud mill-Istati Membri għamlu tnaqqis fil-baġits li qed jaffettwaw id-disponibilità, il-kwalità u l-ispejjeż tas-servizzi ta' kura tat-tfal, b'impatt negattiv sussegwenti fuq ir-rikonċiljazzjoni tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, li taffettwa b'mod partikolari lin-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-ilħuq tal-objettivi ta' Barċellona u biex tkompli tappoġġja lill-Istati Membri fil-ħolqien servizzi ta' kura tat-tfal ta' kwalità għolja u bi prezz raġonevoli u b'sigħat ta' attendenza sensibbli u biex suċċessivament jiżviluppaw miri ġodda fil-qasam tal-istrutturi għall-kura tat-tfal; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' żieda fid-disponibilità, il-kwalità u l-aċċessibilità ta' kura tas-saħħa u servizzi ta' kura għat-tfal, l-anzjani, u persuni li jeħtieġu kura speċjali bi prezzijiet raġonevoli, inkluża l-għajnuna lil persuni dipendenti, u sadattant jiġi żgurat li d-disponibilità ta' dawn is-servizzi tkun kompatibbli mas-sigħat tax-xogħol full-time kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel; jinnota żieda fl-assistenza ta' kuljum u l-faċilitajiet tan-nurseries ma tiddependix biss fuq il-politiki pubbliċi meħtieġa, iżda wkoll fuq inċentivi għal min jimpjega l-ħaddiema sabiex jipprovdi dawn is-soluzzjonijiet;

28. Jenfasizza l-importanza ta' forom flessibbli ta' xogħol biex jippermettu lin-nisa u l-irġiel jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, bil-kondizzjoni li l-ħaddiem ikun liberu li jagħmel l-għażla, u jagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tikkoordina u tippromwovi l-iskambji tal-aħjar prattiki; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni għal qsim indaqs tax-xogħol domestiku u l-kura kif ukoll il-kura tas-saħħa, investiment aħjar fl-infrastruttura tal-kura, u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tal-irġiel u l-introduzzjoni ta' liv tal-paternità ta' mill-inqas 10 ijiem u l-liv tal-ġenituri disponibbli għaż-żewġ ġenituri, imma b'inċentivi qawwijin għall-missirijiet, bħal liv tal-ġenituri mhux trasferibbli; jenfasizza li liv tal-ġenituri ugwali huwa ta' benefiċċju għall-membri kollha tal-familja kollha u jista' jservi bħala inċentiv biex titnaqqas id-diskriminazzjoni assoċjata mal-liv tal-ġenituri;

29. Jitlob li jiġu adottati l-miżuri meħtieġa biex jiġu promossi rati ogħla ta' impjieg fost in-

nisa, bħall-kura u l-kura tat-tfal bi prezzijiet raġonevoli, skemi adegwati ta' maternità, paternità u liv tal-ġenituri u flessibbiltà fil-ħinijiet tax-xogħol u l-postijiet tax-xogħol; jenfasizza l-importanza ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u sikuri li jippermettu kemm lin-nisa kif ukoll lill-irġiel jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja privata, u jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina u tippromwovi t-tisħiħ tad-drittijiet tax-xogħol għal iktar ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel; jenfasizza li titjib fil-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja, il-ħajja personali u l-ħajja professjonali huwa element importanti għall-irkupru ekonomiku, id-demografija sostenibbli u l-benesseri personali u soċjali u jinnota li parteċipazzjoni ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol tista' żżid b'mod sinifikanti l-potenzjal ekonomiku tal-UE, filwaqt li tikkonferma n-natura ekwa u inklużiva tagħha; jinnota li skont it-tbassir tal-OECD, konverġenza sħiħa tar-rati ta' parteċipazzjoni tirriżulta f'żieda ta' 12,4 % tal-PDG per capita sal-2030; jinnota li għalkemm ix-xogħol part-time, li jsir fil-biċċa l-kbira min-nisa, jista' jagħmilha aktar faċli sabiex wieħed jirrikonċilja l-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol, huwa daqstant minnu wkoll li dan jinvolvi inqas opportunitajiet ta' karriera, pagi u pensjonijiet aktar baxxi, użu insuffiċjenti tal-kapital uman u, konsegwentement, inqas tkabbir ekonomiku u prosperità;

30. Jenfasizza l-importanza li l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jintalab jiġbor dejta b'mod komprensiv, speċifika għas-sessi fil-qasam tal-allokazzjoni tal-ħin dedikat għall-kura tal-familja, il-kura tas-saħħa u x-xogħol domestiku u l-ħin liberu, bil-għan li ssir evalwazzjoni regolari;

31. Jirrakomanda li, peress li l-kompożizzjoni u d-definizzjoni tal-familji jinbidlu maż-żmien, il-leġiżlazzjoni dwar il-familja u x-xogħol għandha ssir aktar komprensiva fir-rigward ta' familji b'ġenitur waħdu u ġenituri LGBT;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-vuċi tan-nisa fid-djalogu soċjali u r-rappreżentanza tan-nisa fit-trade unions fis-setturi kollha;

33. Jistieden lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija, tħeġġeġ lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni 189 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, biex jissaħħu d-drittijiet tal-persuni inkarigati mix-xogħol domestiku u l-kura tal-familja;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jinħolqu inċentivi għall-impjegati biex jittrasformaw xogħol informali f'impjiegi uffiċjali; jenfasizza l-livell għoli ta' xogħol mhux iddikjarat li jista' jiġi osservat speċjalment f'setturi ddominati min-nisa, bħalma huwa x-xogħol fi djar privati; jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra x-xogħol prekarju u l-impjieg mhux iddikjarat tan-nisa, li jikkontribwixxu għad-deregolamentazzjoni sħiħa tal-istrutturi ta' ħlas tan-nisa u jikkawżaw aktar faqar fost in-nisa, speċjalment aktar tard fil-ħajja, u dan għandu impatt negattiv kemm fuq is-sigurtà soċjali tan-nisa kif ukoll fuq il-livelli tal-PDG tal-UE, u biex jiżguraw li l-ħaddiema jgawdu protezzjoni soċjali adegwata; jitlob li tiġi stabbilita malajr Pjattaforma Ewropea biex issir prevenzjoni aħjar tax-xogħol mhux dikjarat u anki biex dan jiġi mxekkel;

35. Jenfasizza li l-feminizzazzjoni tal-faqar hija r-riżultat ta' bosta fatturi li jinkludu l-waqfien fil-karriera tan-nisa, id-distakk bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa (16,4 %), id-distakk fil-pensjonijiet bejn is-sessi (39 %), l-inugwaljanzi bejn is-sessi fil-progress tal-

karriera, il-fatt li spiss in-nisa jiġu impjegati b'kuntratti mhux standard (bħal xogħol part-time furzat, kuntratti interim jew ta' "sigħat żero") u l-assenza ta' status ta' sigurtà soċjali għal sħab li jassistu lil persuni li jaħdmu għal rashom, u faqar fil-familji mmexxija minn ommijiet waħedhom; jissottolinja li t-tnaqqis fil-faqar b'20 miljun ruħ sal-2020 jista' jintlaħaq permezz ta' politiki kontra l-faqar u kontra d-diskriminazzjoni li huma msejsa fuq integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, programmi ta' azzjoni li jiddedikaw attenzjoni partikolari lil nisa żvantaġġati u li huma appoġġjati minn azzjonijiet li jimmiraw lejn il-faqar fost in-nisa, u minn titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'setturi bi dħul baxx li fihom in-nisa huma eċċessivament rappreżentati; jissottolinja li d-diskriminazzjoni multipla li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa abbażi ta' diżabilità, sfond razzjali u etniku, status soċjoekonomiku, l-identità tal-ġeneru u fatturi oħra, tikkontribwixxi għall-feminizzazzjoni tal-faqar; jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ tal-effetti tal-ġeneru fuq l-effetti tat-tassazzjoni u l-mudelli tal-ħinijiet tax-xogħol fuq in-nisa u l-familji;

36. Jistenna li l-Kummissjoni tadotta l-miżuri kollha li għandha għad-dispożizzjoni tagħha u ssaħħaħ l-aspetti kollha tad-direttivi tal-UE dwar it-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa, inklużi s-sħab soċjali li jinnegozjaw ftehimiet kollettivi, u li tħeġġeġ id-djalogu mas-sħab soċjali biex jiġu eżaminati kwistjonijiet bħat-trasparenza tal-ħlas, il-kundizzjonijiet ta' kuntratt ta' xogħol part-time jew għal terminu fiss għan-nisa, filwaqt li tħeġġeġ ukoll il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-setturi "ħodor" u innovattivi; jenfasizza li l-pensjonijiet huma fattur determinanti importanti tal-indipendenza ekonomika tal-benefiċjarji tagħhom u li d-distakki fil-pensjonijiet jirriflettu l-iżvantaġġi akkumulati ta' karriera mgħoddija f'suq tax-xogħol bi preġudizzju bbażat fuq il-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri adegwati biex jitnaqqas id-distakk fil-pensjonijiet bejn is-sessi, li huwa konsegwenza diretta tad-distakk fil-pagi bejn is-sessi, u biex jivvalutaw l-impatt tas-sistemi tal-pensjoni fuq in-nisa, b'attenzjoni partikolari għall-kuntratti part-time u l-kuntratti atipiċi;

37. Jenfasizza l-importanza li titqajjem kuxjenza dwar il-kunċett ta' sjieda kondiviża fil-livell tal-UE sabiex jiġi żgurat rikonoxximent sħiħ tad-drittijiet tan-nisa fis-settur agrikolu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' strateġija li twassal għall-ħolqien ta' impjiegi għan-nisa f'żoni rurali u, b'mod impliċitu, biex jiżguraw pensjonijiet deċenti għal nisa rtirati fl-UE li jgħixu f'kundizzjonijiet prekarji, u jitlob appoġġ għal sforzi politiċi sabiex jissaħħaħ ir-rwol tan-nisa fl-agrikoltura u għal rappreżentanza xierqa tagħhom fil-fora politiċi, ekonomiċi u soċjali kollha tas-settur agrikolu;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu kont tal-ostakli soċjoekonomiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa f'ċirkustanzi speċifiċi bħal f'żoni rurali, f'setturi ddominati mill-irġiel, f'età aktar avvanzata u n-nisa b'diżabilità; jenfasizza li n-nisa qed ikomplu jesperjenzaw nuqqas ta' sikurezza fl-impjieg aktar mill-irġiel u li n-nuqqas ta' sikurezza żdied bħala riżultat tal-kriżi, u jesprimi tħassib dwar in-numru u l-proporzjon ta' nisa li jbatu l-faqar fost dawk li jaħdmu; huwa tal-fehma li l-għajnuna għan-nisa biex jirritornaw lura fis-suq tax-xogħol tirrikjedi soluzzjonijiet multidimensjonali ta' politika li jinkludu t-taħriġ tul il-ħajja u azzjoni għall-ġlieda kontra x-xogħol prekarju u li jippromwovu x-xogħol bi drittijiet u prattiki differenzjati ta' organizzazzjoni tax-xogħol; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-perspettiva tal-ġeneru fil-

programmi kollha għall-ħolqien tal-impjiegi, joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja skont l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO;

39. Jenfasizza li t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE jiddipendu fuq il-possibilità jingħalaq id-distakk bejn dak li n-nisa jiksbu fl-edukazzjoni tagħhom (60 % ta' dawk li jiggradwaw mill-università fl-Ewropa huma nisa) u s-sehem u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-aspetti kollha ta' segregazzjoni vertikali u orizzontali, peress li tali segregazzjoni tillimita l-impjieg tan-nisa għal ċerti setturi u teskludihom minn livelli ogħla fil-ġerarkija tal-kumpaniji; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni eżistenti li fiha azzjoni pożittiva, b'mod partikolari fis-settur pubbliku ta' xi Stati Membri, tejbet l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell ta' dħul, iżda li jeħtieġ li tiġi estiża għal-livelli kollha tal-karriera;

**Parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-intraprenditorija femminili**

40. Jirrimarka li l-akbar żieda minn issa fil-proporzjon ta' nisa fil-bordijiet korporattivi seħħet f'pajjiżi li diġà adottaw leġiżlazzjoni dwar kwoti obbligatorji, u li fl-Istati Membri fejn l-ebda miżuri obbligatorji ma ġew implimentati l-kumpaniji għadhom 'il bogħod milli jilħqu bilanċ aċċettabbli bejn is-sessi; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ għall-proċeduri trasparenti għall-ħatra ta' nisa bħala membri mhux eżekuttivi f'bordijiet ta' kumpaniji elenkati fil-boroż; iħeġġeġ lis-settur pubbliku u dak privat biex jipprevedu skemi volontarji li jippromwovu lin-nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fl-istrateġija miżuri speċifiċi sabiex tippromwovi rappreżentanza ugwali tan-nisa u l-irġiel f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u biex tappoġġja lill-Kunsill fin-negozjati għall-adozzjoni tad-direttiva għal rappreżentanza bbilanċjata ta' rġiel u nisa f'bordijiet mhux eżekuttivi; jitlob lill-Kunsill biex jilħaq pożizzjoni komuni malajr kemm jista' jkun dwar dan l-abbozz ta' direttiva;

41. Jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq inċentivi għall-Istati Membri biex joħolqu rappreżentanza aktar bilanċjata tan-nisa u l-irġiel fil-kunsilli muniċipali, fil-parlamenti reġjonali u nazzjonali u l-Parlament Ewropew, u jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' listi elettorali bbilanċjati fir-rigward tas-sess immexxija b'mod alternat minn raġel u mara; jenfasizza l-importanza ta' kwoti biex tiżdied il-preżenza tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi; jitlob lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jieħdu miżuri interni biex tiżdied l-ugwaljanza fi ħdan korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom stess, billi jipproponu kemm kandidat femminili u kemm maskili għal pożizzjonijiet ta' livell għoli tal-UE; jemmen li l-ugwaljanza għandha tkun rekwiżit għall-Kummissjoni u li l-ħatra ta' Kummissjoni abbażi tal-ugwaljanza hija indikatur importanti għal xogħol ta' ugwaljanza fil-futur;

42. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-iżbilanċ eżistenti fil-parteċipazzjoni tal-irġiel u n-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-politika, fil-gvern u fl-ekonomija, u lejn il-fatt li l-ostakli għall-parteċipazzjoni tan-nisa jistgħu jiġu attribwiti għal taħlita ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, imġiba stereotipata li għandha tendenza li tippersisti fin-negozju, il-politika u s-soċjetà; jinnota li n-nisa jirrappreżentaw 60 % tal-gradwati l-ġodda, iżda mhumiex rappreżentati biżżejjed, pereżempju, fis-settur tax-xjenza u r-riċerka; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri iżidu s-sensibilizzazzjoni tan-nisa dwar opportunitajiet ta' taħriġ f'dan il-qasam u biex tiżgura li jkollhom l-istess possibilitajiet daqs l-irġiel

biex jibdew il-professjonijiet korrispondenti u minnhom jagħmlu karriera; jinnota li n-nisa b'mod ġenerali għandhom karrieri li ma jippermettulhomx jagħmlu progress sinifikanti; jistieden lill-Istati Membri joffru l-inkoraġġiment u l-appoġġ tagħhom lin-nisa sabiex ikun jista' jkollhom karrieri ta' suċċess, inkluż permezz ta' azzjonijiet pożittivi bħal programmi ta' networking u ta' mentoring, kif ukoll billi joħolqu kundizzjonijiet adegwati u jiżguraw opportunitajiet indaqs mal-irġiel fl-etajiet kollha għat-taħriġ, l-avvanz, il-prattika ta' ħiliet mill-ġdid u t-taħriġ mill-ġdid; jenfasizza l-importanza ta' politiki mmirati lejn l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-impjiegi waqt li jiġu rikonoxxuti l-vulnerabilitajiet potenzjali tan-nisa fl-ogħla professjonijiet; jenfasizza li, b'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tippromwovi politiki kontra l-fastidju fuq il-post tax-xogħol[1];

43. Jisħaq fuq il-fatt li n-nisa jikkostitwixxu 52 % tal-popolazzjoni totali Ewropea, iżda terz biss ta' dawk li jaħdmu għal rashom jew dawk li jibdew negozju fl-UE; jenfasizza l-importanza ta' programmi ta' appoġġ għal intraprendituri nisa u għal nisa fix-xjenza, u jħeġġeġ lill-UE biex tappoġġja tali programmi b'mod aktar tanġibbli. jistieden lill-Kummissjoni tanalizza u tiżviluppa proposti għal modi biex in-nisa jinteressaw ruħhom fl-istabbiliment ta' impriżi; jenfasizza li nisa imprendituri, xjenzati u akkademiċi potenzjali għandhom ikunu magħmula konxji ta' programmi ta' appoġġ u opportunitajiet ta' finanzjament; jinkoraġixxi lill-Istati Membri biex jippromwovu politiki u azzjonijiet ta' assistenza u pariri għal dawk in-nisa li jiddeċiedu li jsiru imprendituri u biex jinkoraġġixxu l-intraprenditorija tan-nisa, jiffaċilitaw u jissimplifikaw l-aċċess għall-finanzjament u appoġġ ieħor, u jnaqqsu l-burokrazija u ostakoli oħra għall-ftuħ ta' negozji min-nisa;

**Riżorsi Finanzjarji**

44. Għal darb'oħra jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għad hemm distakk fil-pagi bejn is-sessi li bilkemm ġie mnaqqas f'dawn l-aħħar snin; jenfasizza li d-distakk bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa huwa kkawżat min-nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, mis-segregazzjoni vertikali u orizzontali, u mill-fatt li s-setturi fejn in-nisa huma rrappreżentati żżejjed spiss huma kkaratterizzati minn salarji iktar baxxi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad- Direttiva 2006/54/UE u biex tippreżenta miżuri speċifiċi li jqisu d-differenzi strutturali fil-pagi, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, sabiex tiżgura trasparenza tal-pagi u tapplika sanzjonijiet, biex b'hekk jitnaqqas id-distakk fil-pagi bejn is-sessi, u biex tissottometti rapport ta' progress annwali dwar dan is-suġġett; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħrfu l-potenzjal tal-aħħar direttiva dwar l-akkwist pubbliku bħala għodda għall-promozzjoni u t-tisħiħ tal-politika tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, billi tikkonsidra l-istabbiliment ta' rekwiżiti bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti dwar it-trattament ugwali u l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prerekwiżiti għall-kuntratti tal-akkwist pubbliku fejn ikun applikabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw jekk klawżoli soċjali fl-akkwist pubbliku jistgħux jintużaw bħala għodda potenzjali biex jissaħħu l-politiki ta' inklużjoni soċjali; jirrikonoxxi li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kompetizzjoni għandha tiġi rrispettata fl-iżvilupp ta' din l-idea;

[1] Violence against women: an EU-wide survey. Main results - rapport mill-FRA, p. 96.

45. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iqisu l-iżviluppi demografiċi u l-bidliet fid-daqs u l-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi fit-tfassil tal-politiki fiskali tagħhom, l-arranġamenti tas-sigurtà soċjali u s-servizzi pubbliċi;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-faqar, li taffettwa b'mod partikolari l-ommijiet waħedhom u li żdiedet minħabba l-kriżi, ħaġa li wasslet għall-esklużjoni soċjali;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-użu tal-Fondi Strutturali għall-investiment fis-servizz pubbliku tal-kura tat-tfal u l-kura tal-anzjani, bħala strateġija essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;

48. Itenni li d-Direttiva 2006/54/KE fil-forma attwali tagħha mhijiex effettiva biżżejjed biex jiġi indirizzat id-distakk bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u jinkiseb l-objettiv tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-impjiegi u l-okkupazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi din id-direttiva mingħajr dewmien;

49. Iqis li l-politiki u l-istrumenti maħsuba biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ, bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi għal irġiel u nisa żgħażagħ sabiex jippermettulhom li jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol; jinnota li l-proporzjon ta' nisa żgħażagħ li jinsabu barra mill-impjieg, l-edukazzjoni jew taħriġ (NEET) huwa ogħla minn dak tal-irġiel żgħażagħ; jitlob ukoll il-ġbir ta' dejta diżaggregata skont is-sess fil-qasam tal-qgħad fost iż-żgħażagħ sabiex jiġu żviluppati politiki mfassla b'mod immirat u bbażati fuq l-evidenza;

50. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal kemm il-pakkett ta' investimenti adottat fl-2014 kif ukoll il-Garanzija għaż-Żgħażagħ b'mod aktar mill-qrib lejn is-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bniet u tan-nisa;

51. Jenfasizza l-importanza tal-iskambju tal-aħjar prattika u inizjattivi sabiex tiġi kkombattuta t-tendenza lejn id-dekwalifikazzjoni tan-nisa, sabiex jiġu żviluppati ħiliethom, jew jingħataw taħriġ li jippermettilhom jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol wara żmien iddedikat esklussivament biex jieħdu ħsieb uliedhom jew persuni dipendenti oħra; jenfasizza wkoll l-importanza li jittejjeb u jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent ta' diplomi u kwalifiki, sabiex jiġi evitat li l-ħiliet tan-nisa kkwalifikati tajjeb ma jintilfux, li spiss huwa l-każ fir-rigward ta' migranti nisa;

**Is-Saħħa**

52. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri biex jiżguraw servizzi ta' kwalità għolja, aċċessibbli ġeografikament u finanzjarjament fil-qasam tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-abort sikur u legali u mezzi ta' kontraċezzjoni kif ukoll il-kura tas-saħħa ġenerali;

53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHRs) fl-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE li jmiss, sabiex tiżgura ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u biex tikkomplementa l-politiki nazzjonali SRHR;

54. Jistieden lill-Istati Membri jiffukaw fuq il-prevenzjoni ta' mard trażmess sesswalment u metodi ta' prevenzjoni, kif ukoll dwar il-prevenzjoni u r-riċerka sabiex itejjeb l-iskoperta bikrija ta' mard bħall-kanċer tan-nisa (kanċer tas-sider, tal-għonq tal-utru, u tal-ovarji) permezz ta' kontrolli u analiżijiet ġinekoloġiċi regolari;

55. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex ineħħu d-disturbi tal-identità tal-ġeneru mil-lista ta' disturbi mentali u tal-imġiba, u biex tiżgura riklassifikazzjoni li ma tqishomx bħala patoloġiji fin-negozjati relatati dwar il-ħdax-il verżjoni tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD- 1), u biex jiġi żgurat li d-diversità tal-ġeneru fit-tfulija ma titqiesx bħala patoloġija;

56. Filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-importanza tad-drittijiet sesswali u riproduttivi, jistieden lill-Kummissjoni toħloq mudelli tal-aħjar prattika ta' edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet għaż-żgħażagħ madwar l-Ewropa;

57. Jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtieġ li twettaq il-verifika skont is-sessi sabiex jiġi żgurat li l-politiki tas-saħħa tal-UE u r-riċerka ffinanzjata mill-UE jindirizzaw dejjem aktar l-istatus u d-dijanjożi tas-saħħa tan-nisa;

58. Jenfasizza l-importanza ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar sintomi ta' mard relatat mas-sess kif ukoll dwar rwoli u stereotipi speċifiċi għas-sess, li għandhom impatt fuq is-saħħa, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-programmi ta' riċerka relatati mas-sessi;

59. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jippromwovu appoġġ (mediku) għall-fertilità u biex ittemm id-diskriminazzjoni fl-aċċess għat-trattament tal-fertilità u r-riproduzzjoni assistita; jinnota wkoll f'dan ir-rigward l-importanza ta' appoġġ għall-adozzjoni u d-dritt tat-tfal kollha li jkunu jafu lill-ġenituri tagħhom;

60. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni biex jimplimentaw programmi ta' edukazzjoni sesswali fl-iskejjel u jiżguraw pariri u aċċess għall-kontraċezzjoni għaż-żgħażagħ;

**L-għarfien, l-edukazzjoni u l-midja**

61. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq inċentivi fl-Istati Membri għal edukazzjoni kompetenti b'imġiba kritika lejn il-midja biex jitpoġġew fid-dubju l-istereotipi u l-istrutturi kif ukoll biex jiskambjaw eżempji tal-aħjar prattika għall-eżami tal-materjal użat fit-tagħlim fil-konfront ta' modi ta' rappreżentazzjoni ta' rwoli stereotipati; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tappoġġja programmi biex tqajjem kuxjenza ta' stereotipi, sessiżmu u rwoli tradizzjonali tas-sessi fis-settur tal-edukazzjoni u tal-mezzi tax-xandir kif ukoll biex twettaq kampanji għal role models pożittivi femminili u maskili; jenfasizza f'dan ir-rigward il-fatt li l-ġlieda kontra l-bullying u l-preġudizzju kontra persuni LGBTI fl-iskejjel, kemm ta' studenti, ġenituri jew għalliema, għandhom ikunu parti mill-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza ta' pedagoġija ta' ekwità bejn is-sessi għall-għalliema, sabiex ikunu jistgħu jispjegaw b'mod ċar il-benefiċċji tal-ugwaljanza bejn is-sessi kif ukoll ta' soċjetà diversa;

62. Jistieden lill-Istati Membri, u speċjalment ir-regolaturi tal-midja, biex iqisu l-pożizzjoni mogħtija – kemm f'termini kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi – lin-nisa u biex jippromwovu immaġini bilanċjata u mhux stereotipata tan-nisa, b'mod li jirrispetta d-dinjità tan-nisa, ir-rwoli differenti u l-identità tagħhom, u biex jiżguraw li l-midja awdjoviżiva kummerċjali ma jkun fiha ebda diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess jew rappreżentazzjoni umiljanti tan-nisa, b'mod partikolari b'referenza għall-midja bbażata fuq l-internet li ta' spiss tkun immirata fuq in-nisa u l-bniet; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom itejbu wkoll l-aċċess tan-nisa għal opportunitajiet ta' xogħol fil-midja u, b'mod partikolari, għal pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tissensibilizza l-Istati Membri favur il-ħtieġa li l-midja pubblika u dik legali jaġixxu bħala role model fil-preżentazzjoni tad-diversità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'aktar konvinzjoni biex itemmu l-istereotipi tas-sessi trażmessi mill-mezzi tax-xandir u jiġbed l-attenzjoni lejn il-miżuri importanti li huma inklużi fir-rapport tal-Parlament dwar l-eliminazzjoni tal-istereotipi tas-sessi, li ġie adottat fl-2013;

63. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol deċiżiv li l-edukazzjoni u l-għoti tas-setgħa għandhom fil-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi u biex itemmu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, u lejn l-impatt pożittiv għan-nisa kif ukoll għas-soċjetà u l-ekonomija b'mod ġenerali; jissottolinja li huwa estremament importanti li dawn il-valuri jiġu inkulkati minn età bikrija, u biex jitwettqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni fil-postijiet tax-xogħol u fil-mezzi tax-xandir, li jenfasizzaw ir-rwol tal-irġiel fil-promozzjoni tal-ugwaljanza, id-distribuzzjoni ugwali tar-responsabilitajiet tal-familja u l-kisba ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

64. Jenfasizza li l-konformità mal-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi kkunsidrata bħala kriterju għall-programmi ta' kultura, ta' edukazzjoni u ta' riċerka ffinanzjati mill-UE, u jitlob lill-Kummissjoni tinkludi qasam speċifiku ta' riċerka dwar is-sessi fi ħdan il-programm Orizzont 2020;

65. Jagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex twettaq studju tal-impatt ta' kuljum ta' rappreżentazzjoni tal-ġeneru fil-ħajja pubblika, fil-mezzi tax-xandir u l-istituzzjonijiet edukattivi, li tiffoka b'mod partikolari fuq il-bullying fl-iskejjel, id-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza bbażata fuq is-sess;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja kampanji u inizjattivi għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fis-soċjetà, speċjalment għan-nisa u l-irġiel migranti;

67. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-Istati Membri fit-twaqqif ta' kattedri tal-università għal studji dwar il-ġeneru u r-riċerka femminista;

**Perspettiva globali usa'**

68. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-kooperazzjoni Ewropea għall-iżvilupp issegwi approċċ li jkun ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikolari tenfasizza l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-taħriġ għan-nisa, il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, u l-qerda tat-tħaddim tat-tfal; jenfasizza li l-aċċess universali għas-saħħa, partikolarment is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet assoċjati, hija dritt fundamentali tal-bniedem, u jenfasizza d-dritt ta' aċċess volontarju għas-servizz tal-

ippjanar tal-familja, inkluża l-kura relatata mal-abort sikur u legali, u informazzjoni u edukazzjoni biex titnaqqas il-mortalità tal-ommijiet u tat-trabi u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza bbażata fuq is-sess, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili, iż-żwieġ tat-tfal, bikri u furzat, il-ġeneriċidju, l-isterilizzazzjoni furzata u l-istupru fiż-żwieġ;

69. Jenfasizza li huwa assolutament meħtieġ li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi integrata fl-elementi kollha tal-programmazzjoni għas-sikurezza tal-ikel, peress li n-nisa huma responsabbli għal 80 % tal-agrikoltura fl-Afrika;

70. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fit-tkabbir u l-Politika tal-viċinat u fl-oqsma tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-kummerċ u r-relazzjonijiet diplomatiċi, taħdem għall-introduzzjoni ta' standard li jiddefinixxi d-drittijiet tan-nisa bħala dritt tal-bniedem u li jirrendi r-rispett ta' dan id-dritt obbligatorju u parti mid-djalogi strutturati fis-sħubijiet kollha u n-negozjati bilaterali tal-UE ; jenfasizza l-importanza ta' kollaborazzjoni parteċipattiva mal-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-assoċjazzjonijiet tal-gvern lokali u reġjonali fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrikonoxxi li t-tqegħid tal-bniet fuq quddiem nett fl-iżvilupp dinji jagħti qafas biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem li għandhom igawdu l-bniet jiġu rispettati, promossi u mwettqa, u jitlob l-inklużjoni ta' "Dikjarazzjoni tal-Bniet" u l-għanijiet tagħha fil-qalba ta' strateġija dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi wara l- 2015; jenfasizza l-importanza li jitmexxew kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni fil-komunitajiet fejn huma pprattikati vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem abbażi tal-ġeneru;

71. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni bbażat fuq ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1325 u 1820 dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, mill-Istati Membri; ifakkar lill-komunità internazzjonali dwar is-salvagwardji meħtieġa għan-nisa u l-bniet, b'mod partikolari l-protezzjoni kontra l-istupru bħala arma ta' gwerra u prostituzzjoni furzata; jikkundanna bil-qawwa l-użu kontinwu tal-vjolenza sesswali kontra n-nisa bħala arma ta' gwerra; jenfasizza li jrid isir aktar biex ikun żgurat ir-rispett għal-liġi internazzjonali, il-protezzjoni tal-vittmi, u l-aċċess għas-servizzi mediċi u l-appoġġ psikoloġiku għan-nisa u l-bniet abbużati fil-kunflitti;

72. Jisħaq fuq il-fatt li l-provvista tal-għajnuna umanitarja min-naħa tal-UE u l-Istati Membri m'għandhiex tkun soġġetta għal restrizzjonijiet imposti minn donaturi sħab oħra fir-rigward ta' kura medika neċessarja, inkluż l-aċċess għal abort sikur għal nisa u bniet vittmi ta' stupru f'kunflitti armati.

73. Jenfasizza l-importanza ta' politika tal-asil u tal-migrazzjoni sensittiva għall-ugwaljanza bejn is-sessi, ir-rikonoxximent tat-theddida għall-mutilazzjoni ġenitali bħala raġuni għall-asil, u l-iżvilupp ta' linji gwida xierqa u koordinazzjoni ta' eżempji tal-aħjar prattika; jenfasizza f'dan ir-rigward l-indispensabilità ta' dritt individwali ta' permanenza, għax inkella jkun hemm żbilanċ ta' poter, b'referenza partikolari għan-nisa migranti f'każijiet ta' vjolenza domestika; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u tidentifika azzjonijiet speċifiċi li jistgħu jiżguraw li d-drittijiet tan-nisa li jfittxu asil jissaħħu u jkunu rispettati bis-sħiħ matul il-proċedura tal-asil;

74. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data speċifika għas-sessi bil-ħsieb li twettaq

valutazzjoni tal-impatt għan-nisa fl-oqsma tal-politika dwar il-klima, l-ambjent u l-enerġija;

75. Jirrimarka li għalkemm hemm konsulenti dwar is-sess kemm fil-missjoni ta' ġestjoni ta' kriżi ċivili kif ukoll militari li l-UE tieħu sehem fihom, in-numru ta' nisa involuti f'operazzjonijiet u missjonijiet fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet u fin-negozjati għall-paċi u l-proċessi ta' rikostruzzjoni għad irid jiżdied; jinsisti li għandu jkun hemm strateġija ddedikata rigward id-drittijiet tan-nisa u l-bniet u l-ugwaljanza bejn is-sessi għal kull missjoni; iqis ukoll li kapitolu speċifiku dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi jeħtieġ li jiġi integrat fil-Pjan ta' Azzjoni li jmiss tad-drittijiet tal-bniedem tas-SEAE; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' kooperazzjoni kontinwa u intensiva bejn il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u s-SEAE;

**Mekkaniżmi istituzzjonali u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi**

76. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ibbaġittjar skont is-sessi u l-valutazzjoni tal-impatt fuq il-sessi fl-oqsma kollha u għal kull proposta leġiżlattiva fil-livell kollha ta' governanza, u b'hekk tiżgura objettivi speċifiċi fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jitlob lill-Qorti tal-Awdituri wkoll biex tinkorpora l-perspettiva tal-ġeneru meta tkun qed tivvaluta l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jitlob lill-Istati Membri biex bl-istess mod jintroduċu d-dimensjoni tal-ġeneru fil-baġits tagħhom sabiex janalizzaw il-programmi u l-politiki tal-gvern, l-impatt tagħhom fuq l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-kontribut tagħhom għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa;

77. Jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u s-sħab soċjali;

78. Jenfasizza l-importanza ta' finanzjament adegwat ta' korpi nazzjonali tal-ugwaljanza bejn is-sessi u korpi kontra d-diskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-effettività ta' korpi nazzjonali ta' lment u proċeduri fl-implimentazzjoni ta' direttivi għall-ugwaljanza bejn is-sessi; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni wkoll biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-ħajja lokali u l-kontinwità ta' NGOs, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u organizzazzjonijiet oħra li jaħdmu fuq kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, permezz ta' assistenza finanzjarja adegwata u prevedibbli; isejjaħ f'dan il-kuntest ukoll għal appoġġ finanzjarju kontinwu għall-programm Daphne, u sabiex il-profil tiegħu jinżamm sabiex b'mod partikolari ikompli jagħti l-possibilità lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa lokalment fl-Istati Membri li jaħdmu kontra l-vjolenza kontra n-nisa;

79. Jenfasizza l-importanza tal-kooperazzjoni f'forma ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, u għalhekk jipproponi li l-Kummissarju għall-Ġustizzja, il-Konsumaturi u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tippreżenta rapport ta' progress annwali f'forma orali u bil-miktub lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, kemm mill-perspettiva tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri u tadotta approċċ speċifiku għall-pajjiż fir-rappurtar b'informazzjoni speċifika dwar kull Stat Membru, dwar l-objettivi stabbiliti fl-istrateġija;

80. Jistieden lill-Kummissjoni tikkollabora mal-Parlament u mal-Kunsill u biex issejjaħ summit annwali tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa, sabiex tidentifika l-progress li sar, u biex tagħmel impenji mġedda;

81. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Minn perspettiva Ewropea u globali, ir-rapport wasal f'mument determinanti, jiġifieri l-2015. F'din is-sena, fil-qafas tal-għoxrin sena mill-adozzjoni tal-objettivi tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Pekin u l-maturazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, se jitwettqu bosta evalwazzjonijiet tal-progress ta' tipi varji mad-dinja kollha biex jiġi determinat kemm sar progress fil-kisba tal-għan tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Hawn joħroġ ċar għal darb'oħra li de facto l-ugwaljanza bejn is-sessi, li tolqot l-oqsma kollha tal-ħajja, ftit li xejn qed tagħmel progress. Dan huwa enfasizzat ukoll mill-Ġender Equality Index (Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, fejn l-UE tilħaq valur medju ta' 54 minn massimu ta' 100 punt. Sew id-dritt tal-protezzjoni minn ħsara fiżika, sew id-dritt ta' ħajja deċenti, diviżjoni aħjar tal-kompiti ta' kura tas-saħħa u kompiti ta' kura, jew l-ottimizzazzjoni tat-talenti u l-ħiliet:  mhux kull għan intlaħaq, u għaldaqstant, anki fi ħdan l-UE, ugwaljanza vera bejn is-sessi għad trid issir realtà.

L-għan ewlieni tal-politika Ewropea dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għall-ħames snin li ġejjin għandu jkun li jiġu żviluppati strateġiji effiċjenti u koerenti li permezz tagħhom jitneħħew il-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-irġiel. In-nisa u l-irġiel it-tnejn jeħtieġ li jkollhom moħħhom mistrieħ li ma jiġux diskriminati minħabba l-etniċità tagħhom, l-orjentament sesswali tagħhom, l-identità tas-sess tagħhom, diżabilità, it-twemmin reliġjuż tagħhom, in-nazzjonalità jew l-età tagħhom. Barra minn hekk, għandha wkoll issir enfasi fuq id-diskriminazzjoni multipla.

L-għanijiet tal-ugwaljanza, li ripetutament ġew ikkonfermati tul għexieren ta' snin qed jiddgħajfu mill-kriżi finanzjarja kontinwa u l-miżuri ta' konsolidament fiskali fl-Istati Membri. Mod kif dan il-proċess jista' jiġi evitat huwa permezz ta' injezzjoni ta' fondi b'mod immirat, sensibbli effettiv u bl-applikazzjoni tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tfassil ta' programmi u l-evalwazzjoni kontinwa. In-nisa, b'dan il-mod, ma jiġux milquta b'mod eċċessiv.

Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-għanijiet ekonomiċi u soċjali u l-għanijiet dwar impjiegi tal-UE ma jistgħux jinkisbu sakemm ma tiġix realizzata bis-sħiħ l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-ugwaljanza, għaldaqstant, għandha tinftiehem bħala mira universali strateġikament sinifikanti. Meta titqies il-kriżi u u l-periklu omnipreżenti ta' passi lura, l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni jeħtieġ li tiġi adottata sabiex dan l-approċċ jerġa' jiġi affermat.

**Il-vjolenza kontra n-nisa**

Il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet hija ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-istess ħin hija espressjoni ta' inugwaljanza bejn is-sessi, li min-naħa tagħha għandha konsegwenzi f'termini ta' trattament ugwali effettiv. Huwa biss min jgħix ħieles mill-vjolenza li jista' jieħu sehem fis-soċjetà bis-sħiħ u jasal xi mkien f'ħajtu. Il-vjolenza kontra n-nisa, fl-għamliet differenti tagħha, mill-vjolenza domestika u l-istupru għall-fastidju fuq il-post tax-xogħol sal-isfruttament sesswali, il-prostituzzjoni sfurzata, il-pornografija sfurzata u l-isterilizzazzjoni sfurzata, qed isseħħ ta' kuljum fil-qalba tas-soċjetà tagħna.

- Waħda minn kull tliet nisa fl-UE ta' 'l fuq mill-15-il sena sofriet vjolenza fiżika u/jew sesswali mill-inqas darba f'ħajjitha[1].

Ir-rapporteur għalhekk titlob azzjoni determinata min-naħa tal-UE u tissottolinja għal darb'oħra l-importanza tar-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Istanbul kif ukoll l-introduzzjoni ta' qafas legali uniku għall-prevenzjoni tal-vjolenza fuq il-bniet u n-nisa u l-ġlieda kontriha. Is-subien u l-irġiel jeħtiġilhom jingħataw rwol ikbar fil-ġejjieni fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa.

Il-pakkett ta' proposti leġiżlattivi, li jipprovdi protezzjoni transkonfinali ta' vittmi ta' kriminalità fi ħdan l-UE diġà jista' jitqies bħala suċċess kbir mill-perspettiva tal-ġlieda kontra l-vjolenza. Madankollu, anki hawnekk għandha tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri.

**Ix-xogħol u l-ħinijiet**

F'dawn l-aħħar snin id-differenzi speċifiċi għas-sess fl-impjiegi, fil-qgħad, fil-pagi u l-faqar naqsu. Madankollu, dan huwa primarjament kaġun tad-deterjorament ġenerali tas-sitwazzjoni minħabba l-kriżi. Il-fatt li r-rata ta' impjiegi ta' 75 % mitluba mill-istrateġija UE 2020 tapplika għall-forza tax-xogħol kollha kemm hi sservi wkoll biex taħbi d-diskrepanzi speċifiċi għas-sess.

- Skont iċ-ċifri tal-Kummissjoni, 74.2 % tal-irġiel attwalment għandhom impjieg, iżda huma biss 62.5 % tan-nisa li jaħdmu.

L-ugwaljanza ġenwina fis-suq tax-xogħol, għalhekk, xorta għadha ma ntlaħqitx. Barra minn hekk, in-nisa jinsabu iktar spiss f'sitwazzjoni prekarja tax-xogħol, ikkaratterizzata minn kuntratti b'terminu fiss u pagi baxxi. L-istrutturi u l-istereotipi għadhom jikkawżaw bejn is-sessi segregazzjoni orizzontali u vertikali tas-suq tax-xogħol, u d-distakk fil-pagi bejn is-sessi li bħalissa huwa ta' 16.4 % se jkun ta' 39 % bejn is-sessi fl-età tal-pensjoni. Spiss in-nisa jaħdmu part-time meta fil-fatt ikunu jixtiequ jimpjegaw ruħhom full-time. In-nisa għadhom jaħmlu l-parti l-kbira tax-xogħol tad-dar u huma responsabbli għall-kura tal-familja. Dan iħallilhom inqas żmien biex jagħmlu attività oħra (bi ħlas), u jsibuha diffiċli ħafna, f'bosta każijiet, jirritornaw lura għax-xogħol wara l-liv tal-ġenituri. Ħafna strateġji dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħjja privata jippruvaw jindirizzaw din il-problema bl-esternalizzazzjoni tax-xogħol domestiku u l-kura tal-familja, u dan min-naħa tiegħu jista' jwassal għall-isfruttament (b'mod partikolari) ta' nisa fis-suq tax-xogħol mhux meqjus uffiċjalment kif ukoll sabiex il-kura ssir karatterizzata etnikament.

Ir-rapporteur tistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra jekk għandhiex titipula miri speċifiċi u sanzjonijiet penali bil-ħsieb li jonqos id-distakk bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Barra minn hekk, jekk għandu jinstab bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-irġiel ikollhom jiddedikaw aktar ħin għax-xogħol domestiku u l-kura tal-familja.

**In-nisa f'pożizzjonijiet ta' setgħa u teħid ta' deċiżjonijiet**

[1] Violence against women: an EU-wide survey, European Union Agency for Fundamental Rights, Marzu 2014.

Il-fatt li n-nisa huma fil-parti l-kbira esklużi mill-proċesi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, minħabba l-hekk imsejjaħ "saqaf tal-ħġieġ", jirristrinġi bil-kbir il-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw influwenza u jġibu tibdil fis-soċjetà.

- Skont informazzjoni tal-Kummissjoni 5 % biss mill-presidenti tal-bordijiet huma nisa.

L-UE għandha timpenja ruħha sabiex in-nisa jkunu rappreżentati kemm fil-proċessi ta' deċiżjonijiet politiċi kif ukoll dawk soċjali, reliġjużi, kulturali, medjatiċi, xjentifiċi u tas-soċjetà ċivili skont is-sehem tagħhom fis-soċjetà. Fid-dawl tar-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE bħala role models, ir-rapporteur tistieden lill-Kummissjoni biex taħdem favur rappreżentanza ugwali taż-żewġ sessi fl-istituzzjonijiet kollha.

Fil-medja tal-UE, 18.6 % biss tal-membri tal-bordijiet superviżorji huma nisa; u għalhekk huwa ta' importanza kruċjali li n-negozjati dwar id-Direttiva dwar in-nisa fil-pożizzjonijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet (COM 614 (2012) final, 2012/0299 (COD)) jitmexxew 'il quddiem u fil-pass li jmiss, dawn jiġu estiżi wkoll għall-bordijiet.

**Riżorsi Finanzjarji**

Bħalissa, il-wiċċ femminili tal-faqar fl-Ewropa qed jiġi diskuss dejjem iktar, iżda sfortunatament għadu jiġi tollerat mis-soċjetà. Minħabba diżinċentivi fiskali, l-istatus tal-mara bħala t-tieni persuna li tirċievi paga fil-familja, is-segregazzjoni, l-inugwaljanza fil-paga u l-karriera mimlija lakuni, il-faqar ekonomiku fil-ħajja tax-xogħol iwassal ukoll għal faqar fix-xjuħija, li mbagħad jiġi espress fid-distakk fil-pensjonijiet bejn is-sessi. Dan ir-riskju hu partikolarment għoli għal ġenituri waħedhom, li jkollhom diffikoltà fl-aċċess għal servizzi finanzjarji bħas-self. Is-sitwazzjoni, barra minn hekk, kompliet għamlet din is-sitwazzjoni aktar akuta. Il-politiki ta' awsterità tal-gvernijiet, l-iffriżar u t-tnaqqis fis-salarji, kif ukoll fir-reklutaġġ ta' ħaddiema u l-ħaddiema żejda fis-settur pubbliku, ir-riforma tal-pensjonijiet, it-tnaqqis u l-limitazzjonijiet fis-servizzi tal-kura u tal-familja u ż-żieda fil-miżati għal servizzi ssussidjati mill-fondi pubbliċi, bħall-crèches, qed jolqtu aktar lin-nisa milli L-indipendenza ekonomika tan-nisa – prekondizzjoni għall-ugwaljanza effettiva – kif ukoll il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja pubblika huma f'periklu kbir.

**Is-Saħħa**

It-tendenzi ta' rigress attwali fis-soċjetà Ewropea qed jaffettwaw ukoll is-saħħa u d-drittijiet tan-nisa u l-irġiel marbutin magħhom. Sabiex in-nisa jkun jista' jkollhom ħajja sesswali fir-responsabilità u s-sikurezza, l-aċċess għall-informazzjoni u l-kura kif ukoll għall-prevenzjoni sikura, effettiva u finanzjarjament aċċessibbli, għall-abort u sterilizzazzjoni legali u mingħajr riskji, kif ukoll l-assistenza fl-adozzjoni għandhom jiġu żgurati.

Barra minn hekk, huwa importanti jiġu rivelati r-raġunijiet għaliex hemm differenza fit-tul ta' ħajja bejn in-nisa u l-irġiel. Ir-riċerka dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tista' tikkontribwixxi biex titfa' dawl fuq l-impatt tar-rwol tal-ġeneru fuq is-saħħa, u biex dan il-pattern jinbidel.

**L-għerf, l-edukazzjoni u l-midja**

- Meta wieħed iqis l-informazzjoni fi ħdan l-UE, jirriżulta li 24 % biss ta' dawk inklużi fir-rapporti huma nisa.

Ir-rwoli li jiġu trażmessi permezz ta' materjal edukattiv u sillabi fl-iskejjel u f'istituzzjonijiet edukattivi oħra, jaffettwaw il-prestazzjoni per se, iżda jinfluwenzaw ukoll l-għażla tagħna wara t-tluq. Dawn l-istereotipi, barra minn hekk, jiġu kkonsolidati permezz ta' rappreżentazzjoni stereotipata, jekk mhux sesswalizzata, tan-nisa fil-midja. Huwa biss meta r-rwoli tradizzjonali tal-ġeneri u l-istrutturi jiġu kkontestati fil-klassi li l-bniet u s-subien ikun jista' jkollhom l-istess opportunitajiet biex jgħixu ħajja kompluta skont ir-rieda ħielsa tagħhom.

Il-bniet u n-nisa jeħtieġ mhux biss li jitħeġġu fid-deċiżjonijiet u l-għażliet kollha tagħhom, iżda, kif ġie nnutat fl-Orizzont 2020, in-numru għoli ta’ studenti subien li jħallu l-iskola kmieni għandu jitnaqqas.

**Perspettiva globali usa'**

L-Istrateġija għall-promozzjoni tal-ugwaljanza, madankollu, ma għandhiex tħares biss 'il ġewwa. L-UE għandha l-obbligu li dejjem tkompli tenfasizza dan id-dritt anki fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi oħra u ssaħħaħ l-iżvilupp tiegħu. Studju minn UN Women juri li l-iżvilupp mhux sostenibbli jkompli jservi biex ikabbar l-inugwaljanzi bejn is-sessi, minħabba l-fatt li l-bniet u n-nisa jintlaqtu b'aktar qawwa mill-konsegwenzi tal-kriżijiet ekonomiċi u soċjali ambjentali. Dawn l-impatti speċifiċi fuq in-nisa jeħtieġ li jiġu analizzati aktar fil-fond b'mod xieraq.

Għandhom jiġu intensifikati l-kriminalizzazzjoni tal-vjolenza sesswali u l-ġlieda kontriha f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' gwerra, kif ukoll il-mutilazzjoni ġenitali, iż-żwiġijiet bikrin żejjed kif ukoll iż-żwiġijiet sfurzati. L-aċċess għall-proprjetà, ir-riżorsi naturali u l-wirt għadu jiġi mċaħħad lil bosta nisa madwar id-dinja; u l-aċċess għall-edukazzjoni għadu ma jistax jitqies bħala fatt. Ir-rapporteur temmen li l-ugwaljanza tista' tiġi promossa jekk l-UE tistabbilixxi norma li għandha tiġi osservata fil-politika tal-viċinat u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u fir-relazzjonijiet kummerċjali u diplomatiċi. Din in-norma għandha tiżgura r-rispett tad-drittijiet tan-nisa. L-UE għandha tappoġġja lin-nisa biex tgħinhom jimxu lejn parteċipazzjoni ugwali fin-negozjati għall-paċi u l-proċessi ta' demokratizzazzjoni.

**Mekkaniżmi istituzzjonali u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi**

Minkejja l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, il-kunċett tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi mhux dejjem jiġi applikat, u lanqas jiġi applikat fuq skala ġenerali. Kieku l-miżuri politiċi kif ukoll il-baġits tal-Unjoni u tal-Istati Membri jiġu mfassla fuq linji abbażi tal-ġeneri, bl-applikazzjoni tal-ibbaġitjar skont is-sessi u l-valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi, il-politiki tal-UE tkun iktar ġusta, b'kuxjenza soċjali aktar qawwija u aktar effettiva. Valutazzjonijiet vinkolanti, fil-forma ta' rapporti annwali dwar il-progress jistgħu jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri sabiex jadattaw u jtejbu l-miżuri inkwistjoni.

# OPINJONI TAL-MINORANZA

skont l-Artikolu 52(3) tar-Regoli ta' Proċedura
Beatrix VON STORCH

Jien niċħad ir-rapport "Strateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015". Ir-rapport jitlob, inter alia, ir-rikonoxximent tal-abort bħala dritt tal-bniedem. Minbarra l-fatt li skont il-liġi kriminali Ġermaniża applikabbli l-abort huwa reat kriminali, fejn (biss) f'każijiet ristretti u eċċezzjonali ma tingħatax piena, is-suġġett tal-abort ma jaqax fil-kompetenza tal-UE. Niċħad bil-qawwa l-kwota mitluba ta' rappreżentanza tan-nisa fil-bordijiet, fil-kumitati u fil-parlamenti (!). Bl-istess mod niċħad li l-UE torbot l-għoti ta' għajnuna għall-iżvilupp mal-implimnetazzjoni ta' miżuri li jippromwovu l-abort fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Parlament ukoll ma għandu l-ebda awtorità li jħeġġeġ lill-Istati Membri jintroduċu programmi ta' edukazzjoni sesswali fl-iskejjel. Dwar dan is-suġġett niċħad dawn il-programmi ta' sesswalizzazzjoni, u skont il-liġi l-politika edukattiva taqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. Dawn huma biss ftit mir-raġunijiet li għalihom jiena miċħad dan ir-rapport. Hemm bosta oħrajn...

20.4.2015

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015
(2014/2152(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Agnieszka Kozłowska-Rajewicz

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-ġustizzja u l-koeżjoni soċjali huma l-forzi mexxejja ewlenin għall-azzjoni li għadha trid tittieħed sabiex jiġu eliminati diversi forom ta' inugwaljanza bejn is-sessi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li inklużjoni ulterjuri fis-suq tax-xogħol tan-nisa li jirrappreżentaw 60 % tal-gradwati, tippermetti reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u demografiċi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni Ewropea;

2. Jenfasizza li, fl-aħħar għaxar snin, l-ekonomija globali ma rnexxilhiex tikseb tkabbir tal-PDG per capita ta' 27 % minħabba disparità bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, u jenfasizza li, kieku jiġu eliminati d-disparitajiet bejn is-sessi fil-qasam tal-impjieg, il-PDG fl-Istati Membri jikber bejn 15 % u 45 %.

3. Huwa tal-fehma li l-ugwaljanza bejn is-sessi, billi żżid il-benesseri soċjali u ekonomiku, hija ta' benefiċċju mhux biss għan-nisa iżda għas-soċjetà kollha kemm hi; ifakkar li ġlieda effikaċi kontra l-istereotipi tas-sessi hija kruċjali sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-setturi kollha tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-UE tkun promotur tal-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, ix-xogħol u t-taħriġ ulterjuri; jenfasizza l-fatt li l-istrateġija l-ġdida għall-ugwaljanza bejn is-sessi għandha, f'konformità mat-Trattati, tkun orjentata lejn tnaqqis ulterjuri tal-inugwaljanzi;

4. Jenfasizza li Strateġija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ta' wara l-2015 għandha tipproponi azzjoni biex: (a) titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa; (b) tiżdied l-indipendenza ekonomika tan-nisa; (ċ) jitjiebu l-aċċessibilità u l-progress fil-karriera fis-suq tax-xogħol tan-nisa; (d) tiżdied b'mod fundamentali l-ugwaljanza fit-teħid tad-

deċiżjonijiet; u (e) jitneħħew strutturi u prattiki diskriminatorji relatati mas-sessi;

5. Jinnota li, sadanittant, kwart tan-nisa għadhom fil-kategorija ta' ħaddiema tal-familja li jikkontribwixxu iżda ma jitħallsux, li jfisser li ma jirċievu l-ebda ħlas dirett għall-isforzi tagħhom, u teżisti segregazzjoni ċara tan-nisa fis-setturi li ġeneralment huma kkaratterizzati minn paga baxxa, sigħat twal u spiss b'arranġamenti tax-xogħol informali li jwasslu għal anqas gwadanji monetarji, soċjali u strutturali għan-nisa minn dawk li jiggwadanja ħaddiem raġel tipiku; jinnota li għadhom jeżistu ostakli distintivi għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u li, bħala medja, in-nisa fl-UE jaqilgħu madwar 16,4 % anqas mill-irġiel; jirrimarka li, minħabba dawn l-istrutturi u prattiki diskriminatorji kontra n-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inkluż fl-aċċess għall-impjieg, fil-progress fil-karriera, fir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u dik privata, u fil-promozzjoni ta' paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali;

6 Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu u jinfurzaw l-eżerċizzju sħiħ ta' negozjar kollettiv fis-settur privat u dak pubbliku, li huwa għodda indispensabbli għar-regolazzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-paga u l-promozzjoni tal-ugwaljanza;

7 Jenfasizza li t-tmiem tal-vjolenza kontra n-nisa hija kwistjoni ta' rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, u li kemm il-kost dirett kif ukoll il-kost indirett tal-vjolenza kontra n-nisa, u tal-vjolenza domestika, għandhom impatti negattivi fuq is-suq tax-xogħol u l-ekonomija; huwa tal-fehma li l-vjolenza kontra n-nisa tikkostitwixxi ostaklu biex in-nisa jipparteċipaw fis-soċjetà u jilħqu b'mod sħiħ il-potenzjal tagħhom fis-suq tax-xogħol, u tista' tinfluwenza b'mod negattiv il-prestazzjoni tagħhom fil-post tax-xogħol u jkollha effett negattiv fuq il-kwalità ta' ħajjithom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħrfu l-effetti ekonomiċi kif ukoll effetti oħra tal-vjolenza kontra n-nisa permezz tal-ġabra ta' data rilevanti disaggregata skond is-sess, u jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri effikaċi għall-ġlieda tal-vjolenza kontra n-nisa; iqis li t-tmiem tal-vjolenza fuq in-nisa għandha tkun prijorità fi ħdan l-istrateġija ta' wara l-2015;

8 Jenfasizza li waqt li l-ugwaljanza bejn is-sessi huwa dritt fundamentali minqux fit-Trattati, għadu l-bogħod milli jkun milħuq fl-UE, u huwa tal-fehma li l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, flimkien ma' impjiegi ta' kwalità, hija kundizzjoni meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ta' rata tal-impjieg ta' 75 % tal-istrateġija Ewropa 2020, u hija kruċjali għaż-żamma ta' sistemi ta' pensjoni sostenibbli; jitlob, għaldaqstant, għall-inklużjoni fl-istrateġija tal-Ewropa 2020 ta' miri tal-impjieg kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa li jkunu ugwalment ambizzjużi u li għandhom jitqiesu fl-aspetti kollha tas-semestru Ewropew;

9. Jissottolinja l-fatt li servizzi għall-indukrar tat-tfal bi prezz raġonevoli, aċċessibbli u ta' kwalità huma prerekwiżiti importanti għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-ksib tal-objettivi ta' Barċellona għall-indukrar tat-tfal, ambizzjoni ta' prijorità fl-istrateġija l-ġdida għall-ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza li l-objettivi kienu oriġinarjament previsti għas-sena 2010 u li l-objettivi għadhom ma ġewx milħuqa mill-maġġoranza tal-Istati Membri;

10. Jenfasizza li, filwaqt li d-differenzi bejn ir-rati ta' impjieg u r-rati tal-paga tal-irġiel u n-

nisa setgħu naqsu kemxejn f'dawn l-aħħar snin, dan mhuwiex ir-riżultat ta' titjib fil-pożizzjoni tan-nisa, iżda konsegwenza tat-tnaqqis fir-rati ta' impjieg u l-livelli ta' pagi tal-irġiel minħabba l-kriżi ekonomika;

11. Jenfasizza, b'mod partikolari, l-fatt li l-impatt tat-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi għall-indukrar tat-tfal u l-kura tal-anżjani x'aktarx iġarrbuh in-nisa;

12. Jenfasizza li t-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività fl-UE jiddipendu fuq li jingħalaq id-distakk bejn dak li n-nisa jiksbu fl-edukazzjoni tagħhom (60 % ta' dawk li jiggradwaw mill-università fl-Ewropa huma nisa) u s-sehem u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-aspetti kollha ta' segregazzjoni vertikali u orizzontali, peress li tali segregazzjoni tillimita l-impjieg tan-nisa għal ċerti setturi u teskludihom minn livelli ogħla fil-ġerarkija tal-kumpaniji; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni eżistenti li fiha azzjoni pożittiva, b'mod partikolari fis-settur pubbliku ta' xi Stati Membri, tejbet l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livell ta' dħul, iżda li jeħtieġ li tiġi estiża għal-livelli kollha tal-karriera;

13. Jenfasizza li d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol hija waħda mill-kawżi ewlenin tal-inugwaljanza bejn is-sessi u li l-opportunitajiet indaqs fil-ħajja professjonali u l-indipendenza ekonomika tan-nisa huma kruċjali; jenfasizza l-pożizzjoni inugwali u vulnerabbli ta' nisa li jagħmlu parti minn minoranza u nisa li ġejjin minn sfond ta' immigrazzjoni fir-rigward tal-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni u għas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi fl-istrateġija l-ġdida tagħha għall-ugwaljanza bejn is-sessi miżuri ċari kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sessi jew l-identità tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol fejn għandu x'jaqsam pereżempju mar-reklutaġġ, il-paga u l-pensjonijiet ugwali, u ġlieda aktar effiċenti kontra l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol; jinnota li minkejja l-liġijiet viġenti tal-UE li jipproteġu individwi mid-diskriminazzjoni fl-impjieg abbażi tas-sess, 30 % tal-persuni transġeneru li qed ifittxu impjieg esperjenzaw diskriminazzjoni skont studju tal-2012 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)[1]; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan huwa ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jitlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-effettività ta' korpi nazzjonali ta' lment u proċeduri fl-implimentazzjoni ta' direttivi għall-ugwaljanza bejn is-sessi;

14. Jenfasizza li d-diviżjoni inugwali tar-responsabilitajiet familjari hija waħda mill-kawżi tal-pożizzjoni inugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li bosta nisa ma jirritornawx għax-xogħol wara li jwelldu; jenfasizza li r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u tad-dmirijiet fid-dar hija kundizzjoni importanti għall-ugwaljanza bejn is-sessi, li għandha tiġi promossa permezz ta':

    a) investiment f'servizzi pubbliċi li jappoġġaw l-inklużjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari infrastruttura għall-indukrar tat-tfal bi prezz raġonevoli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja (biex jiġi faċilitat il-ksib tal-objettivi adottati mill-Istati Membri u formulati fl-objettivi ta' Barċellona) u għal persuni b'diżabilità, adulti dipendenti, anzjani u morda, peress li n-nisa huma dawk prinċipalment responsabbli għalihom u l-impjieg tagħhom jiġi affettwat b'mod negattiv minn dawn id-dmirijiet bla ħlas;

---

[1] http://fra.europa.eu/en/survey/2012/eu-lgbt-survey.

b) miżuri li jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-irġiel fix-xogħol tad-dar permezz ta' leġiżlazzjoni msaħħa dwar il-liv tal-ġenituri disponibbli għaż-żewġ ġenituri imma b'inċentivi qawwijin għall-missirijiet, bħal liv tal-ġenituri mhux trasferibbli, kif ukoll leġiżlazzjoni dwar il-liv tal-missirijiet kemm għal ġenituri bioloġiċi kif ukoll għal dawk adottivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lil dawn iż-żewġ miżuri leġiżlattivi, kif ukoll lil miżuri oħra li jippermettu lill-irġiel, u missirijiet b'mod partikolari, biex jeżerċitaw id-dritt li jirrikonċiljaw il-ħajja privata u dik professjonali tagħhom;

c) il-promozzjoni ta' arranġamenti ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli, opportunitajiet ta' telexogħol kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa u appoġġ għall-ommijiet biex iġeddu l-ħiliet tal-impjieg tagħhom permezz ta' taħriġ u korsijiet wara l-waqfa fil-karriera;

d) il-promozzjoni ta' mudelli pożittivi għal arranġamenti biex ikun hemm bilanċ bejn il-ħajja professjonali u dik privata, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel, f'suġġetti edukattivi tal-iskejjel fil-livelli kollha;

jenfasizza li biex isir progress lejn diviżjoni ġusta u ugwali ta' dawn ir-responsabilitajiet tinħtieġ bidla fil-mentalità; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza dawn il-punti fl-istrateġija l-ġdida għall-ugwaljanza bejn is-sessi;

15. Huwa tal-fehma li hemm ħtieġa urġenti għal pożizzjoni komuni fi ħdan il-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-proposta għal direttiva dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-promozzjoni ta' titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' impjegati waqt it-tqala, impjegati li welldu reċentament jew li qed ireddgħu (COM(2008)0637), biex ikun żgurat li ma jiġux issensjati inġustament impjegati waqt it-tqala;

16. Jenfasizza li l-feminizzazzjoni tal-faqar hija r-riżultat ta' fatturi varji li jinkludu l-waqfien fil-karriera tan-nisa, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa (16,4 %), id-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi (39 %), inugwaljanzi bejn is-sessi fil-progress tal-karriera, il-fatt li spiss in-nisa jiġu impjegati b'kuntratti mhux standard (bħal xogħol part-time furzat, kuntratti interim jew ta' "sigħat żero") u l-assenza ta' status ta' sigurtà soċjali għal sħab li jassistu lil persuni li jaħdmu għal rashom, u faqar fil-familji mmexxija minn ommijiet waħedhom; jissottolinja li t-tnaqqis fil-livelli tal-faqar b'20 miljun ruħ sal-2020 jista' jintlaħaq permezz ta' politiki kontra l-faqar u kontra d-diskriminazzjoni li huma msejsa fuq integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, programmi ta' azzjoni li jiddedikaw attenzjoni partikolari lil nisa żvantaġġati u li huma appoġġati minn azzjoni li timmira l-faqar fost in-nisa, u bit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'setturi bi dħul baxx li fihom in-nisa huma eċċessivament rappreżentati; jissottolinja li d-diskriminazzjoni multipla li jħabbtu wiċċhom magħha n-nisa abbażi ta' diżabilità, sfond razzjali u etniku, status soċjo-ekonomiku, l-identità tal-ġeneru u fatturi oħra, tikkontribwixxi għall-feminizzazzjoni tal-faqar; jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ tal-effetti tal-ġeneru fuq l-effetti tat-tassazzjoni u l-mudelli tal-ħinijiet tax-xogħol fuq in-nisa u l-familji;

17. Jenfasizza li d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa hija kkawżata minn nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, mis-segregazzjoni vertikali u orizzontali, u mill-fatt li s-setturi fejn in-nisa huma rappreżentati żżejjed spiss huma kkaratterizzati minn salarji baxxi; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, u fuq il-ħtieġa għat-trasparenza fir-

rikonoxximent tad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa fuq il-postijiet tax-xogħol;

18. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li 8,9 % tal-membri tal-bordijiet korporattivi eżekuttivi, u 15 % biss tal-membri tal-bordijiet mhux eżekuttivi, huma nisa, u jenfasizza l-ħtieġa għat-trasparenza u bilanċ akbar fost is-sessi, abbażi ta' kriterji identiċi u oġġettivi fir-reklutaġġ u l-promozzjoni ta' pożizzjonijiet ta' tehid ta' deċiżjonijiet fl-oqsma kollha, sabiex jiġi miġġieled is-'saqaf tal-ħġieġ' li jista' jkun identifikat fl-Istati Membri kważi kollha; iqis li l-istrateġija tal-UE għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel wara l-2015 għandha tinkludi pjan ta' azzjoni f'dan ir-rigward;

19. Huwa tal-fehma li inizjattivi u miżuri iridu jittieħdu – prinċipalment fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluża l-edukazzjoni għolja – biex jiġu miġġielda perċezzjonijiet sterjotipati tal-impjieg tan-nisa; jenfasizza l-ħtieġa li jippromwovi u jappoġġa l-intraprenditorija fost in-nisa, speċjalment l-intraprenditorija fost l-ommijiet, u opportunitajiet għall-karrieri għan-nisa fix-xjenza u fis-settur tal-ICT; jissottolinja l-importanza li n-nisa jiġu mħeġġa jistudjaw ix-xjenza, t-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika, kif ukoll tal-involviment tan-nisa f'setturi tal-industrija bi tkabbir qawwi, partikolarment fir-R&D, li kieku jagħti spinta sinifikanti lit-tkabbir u l-kompetittività ekonomiċi tal-Ewropa;

20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ ta' proċeduri trasparenti għall-ħatra ta' nisa bħala membri mhux eżekuttivi f'bordijiet ta' kumpaniji elenkati fil-boroż; iħeġġeġ lis-settur pubbliku u dak privat biex jikkunsidraw skemi volontarji għall-promozzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali, u jistieden lill-Kunsill Ewropew biex fl-aħħar jadotta pożizzjoni komuni wara l-ewwel qari tal-Parlament tad-Direttiva dwar in-Nisa fil-Bordijiet;

21. Jenfasizza l-fatt li l-livelli għolja ta' xogħol mhux dikkjarat, u impjieg indipendenti fittizju, li jaffettwaw proporzjon kbir tan-nisa, partikolarment dawk f'impjieg domestiku, għandhom impatt negattiv fuq id-dħul u s-sigurtà soċjali tan-nisa, jimminaw l-istandards soċjali stabbiliti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u jnaqqsu l-livelli tal-PDG tal-UE; jappella għall-ħolqien ta' inkoraġġiment u mekkaniżmi ta' faċilitazzjoni biex tittejjeb it-tranżizzjoni minn ekonomija informali għal dik formali; jinnota li l-istabbiliment ta' pjattaforma Ewropea sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni għall-prevenzjoni u d-deterrenza ta' xogħol mhux dikjarat jirrappreżenta lieva importanti f'dan ir-rigward;

22 Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra x-xogħol mhux dikjarat u prekarju, inklużi 'mini jobs' u impjiegi part-time foloz, u jiżguraw protezzjoni soċjali xierqa għall-ħaddiema kollha; jiddeplora, barra minn dan, l-abbuż tal-kuntratti tax-xogħol mhux standard sabiex tkun evitata l-konformità mal-obbligi tal-impjieg u tal-protezzjoni soċjali;

23. Jirrakomanda li, peress li l-kompożizzjoni u d-definizzjoni tal-familji jinbidlu biż-żmien, il-leġiżlazzjonijiet dwar il-familja u x-xogħol għandhom isiru aktar komprensivi fir-rigward ta' familji b'ġenitur waħdu u ġenituri LGBT;

24. Iqis li l-politiki u l-istrumenti maħsuba biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ, bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi għal irġiel u nisa żgħażagħ sabiex jippermettulhom ikollhom aċċes għas-suq tax-xogħol; jinnota li l-proporzjon ta' nisa żgħażagħ li jinsabu

barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEET) huwa ogħla minn dak tal-irġiel żgħażagħ; jitlob ukoll il-ġbir ta' data disaggregata skond is-sess fil-qasam tal-qgħad fost iż-żgħażagħ sabiex politiki mfassla u bbażati fuq l-evidenza jkunu żviluppati;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħrfu l-potenzjal tal-aħħar Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku bħala għodda għall-promozzjoni u t-tisħiħ tal-politika tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u biex jikkonsidraw l-istabbiliment ta' rekwiżiti bbażati fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Istati Membri dwar it-trattament ugwali u l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala prerekwiżiti għall-kuntratti tal-akkwist pubbliku fejn ikun applikabbli; jirrikonoxxi li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kompetizzjoni għandha tiġi rispettata fl-iżvilupp ta' din l-idea;

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 16.4.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 6<br>0: 9 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Laura Agea, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Mara Bizzotto, Vilija Blinkevičiūtė, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Elena Gentile, Arne Gericke, Danuta Jazłowiecka, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Patrick Le Hyaric, Jeroen Lenaers, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Maria João Rodrigues, Claude Rolin, Anne Sander, Sven Schulze, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Ulrike Trebesius, Ulla Tørnæs, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská, Inês Cristina Zuber |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Elmar Brok, Lampros Fountoulis, Sergio Gutiérrez Prieto, Eva Kaili, Dominique Martin, Joëlle Mélin, Neoklis Sylikiotis, Ivo Vajgl |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Amjad Bashir, Enrique Calvet Chambon, Tania González Peñas, Maria Grapini, Ivan Jakovčić |